Nru./No. 19,278
Prezz/Price
€5.04

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 11 ta' Lulju, 2014
Friday, 11th July, 2014

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 8505 - 8512
Government Notices ..... *8505 - 8512*

Avviżi tal-Pulizija ..... 8512 - 8517
Police Notices ..... *8512 - 8517*

Avviżi lill-Baħħara ..... 8517 - 8518
Notices to Mariners ..... *8517 - 8518*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 8519 - 8558
Employment Opportunities ..... *8519 - 8558*

Avviżi tal-Gvern ..... 8558 - 8561
Notices ..... 8558 - 8561

Offerti ..... 8562 - 8593
Tenders ..... *8562 - 8593*

Avviżi tal-Qorti ..... 8593 - 8612
Court Notices ..... 8593 - 8612

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 665

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-GAZZETTA tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,325 Avviż Nru 893 maħruġa fis-17 ta' Ottubru 2008 se tiġi emendata biex taqra kif jidher hawn taħt:

Ħdejn Kaptan Anthony Zammit

Ħassar 1 ta' Awwissu 2008 u daħħal 1 ta' Awwissu 2007.

Il-11 ta' Lulju, 2014

Nru. 666

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-GAZZETTA tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,791 Avviż Nru 748 maħruġa fis-16 ta' Awwissu 2011 se tiġi emendata biex taqra kif jidher hawn taħt:

Ħdejn 0061 *Warrant Officer* 1 Mercieca C

Ħassar 1 ta' Awwissu 2011 u daħħal 1 ta' Ottubru 2009.

Il-11 ta' Lulju, 2014

Nru. 667

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-MINISTRU għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għoġbu japprova l-promozzjoni ta' Logutenent Carmel Mercieca għar-rank ta' Kaptan b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2013.

Il-11 ta' Lulju, 2014

Nru. 668

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġobha tapprova l-kummissjoni ta' 85086 *Warrant Officer Class 1* Joseph Magri fir-rank ta' Logutenant b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2008.

Il-11 ta' Lulju, 2014

GOVERNMENT NOTICES

No. 665

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE Malta Government Gazette No 18,325 Notice No. 893 issued on 17th October 2008 is to be amended to read as shown hereunder:

Against Captain Anthony Zammit

Delete 1st August 2008 and insert 1st August 2007.

11th July, 2014

No. 666

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE Malta Government Gazette No 18,791 Notice No. 748 issued on 16th August 2011 is to be amended to read as shown hereunder:

Against 0061 Warrant Officer 1 Mercieca C

Delete 1st August 2011 and insert 1st October 2009.

11th July, 2014

No. 667

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE MINISTER for Home Affairs and National Security has been pleased to approve the promotion of Lieutenant Carmel Mercieca to the rank of Captain with effect from 1st October 2013.

11th July, 2014

No. 668

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the commission of 85086 Warrant Officer Class 1 Joseph Magri in the rank of Lieutenant with effect from 1st October 2008.

11th July, 2014

Nru. 669

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-MINISTRU għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għoġbu japprova l-promozzjoni ta' Logutenent Joseph Magri għar-rank ta' Kaptan b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2012.

Il-11 ta' Lulju, 2014

No. 669

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE MINISTER for Home Affairs and National Security has been pleased to approve the promotion of Lieutenant Joseph Magri to the rank of Captain with effect from 1st October 2012.

11th July, 2014

Nru. 670

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbha tapprova l-kummissjoni ta' 86060 *Warrant Officer Class 1* Aldo Borg fir-rank ta' Logutenant b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2008.

Il-11 ta' Lulju, 2014

No. 670

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the commission of 86060 Warrant Officer Class 1 Aldo Borg in the rank of Lieutenant with effect from 1st October 2008.

11th July, 2014

Nru. 671

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-MINISTRU għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għoġbu japprova l-promozzjoni ta' Logutenent Aldo Borg għar-rank ta' Kaptan b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2012.

Il-11 ta' Lulju, 2014

No. 671

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE MINISTER for Home Affairs and National Security has been pleased to approve the promotion of Lieutenant Aldo Borg to the rank of Captain with effect from 1st October 2012.

11th July, 2014

Nru. 672

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbha tapprova l-kummissjoni ta' 17914 *Warrant Officer Class 1* Francis Xavier Scifo (irtirat) fir-rank ta' Logutenant b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2008.

Il-11 ta' Lulju, 2014

No. 672

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the commission of 17914 Warrant Officer Class 1 Francis Xavier Scifo (retired) to the rank of Lieutenant with effect from 1st October 2008.

11th July, 2014

Nru. 673

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġobha tapprova t-trasferiment ta' Logutenent Francis Xavier Scifo (irtirat) mill-Lista Attiva tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta għar-Riżerva Regolari tal-Uffiċjali, b'seħħ mis-6 ta' Jannar 2010.

Il-11 ta' Lulju, 2014

No. 673

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the transfer of Lieutenant Francis Xavier Scifo (retired) from the Active List of the Armed Forces of Malta Regular Force to the Regular Reserve of Officers, with effect from 6th January 2010.

11th July, 2014

Nru. 674

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TAXXI INTERNI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Randolph Aquilina	Direttur Ġenerali *Director General*	Taxxi Interni *Inland Revenue*	11-18.08.14

Il-11 ta' Lulju, 2014

No. 674

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (INLAND REVENUE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:–

11th July, 2014

Nru. 675

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:
A detailed justification is presented below:

Numru ta' Riferenza: TRK. 152294/EA 00010/14
Post: *Sundown Yard, Units 1 to 15*, Wied Il-Għasel, Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar.
Proposta: Pjan ta' żvilupp komprensiv – diviżjoni ta' żoni għall-*units* għall-użi sussegwenti: Class 11 – *business and light industry*, *Class 12 – General Industry, Class 17 – storage/warehousing, distribution and parking of heavy vehicles/coaches, Class 19 – boatyards*, u s-sanzjonar ta' *boat yard*.

Reference Number: TRK. 152294/EA 00010/14
Location: Sundown Yard, Units 1 To 15, Wied Il-Għasel, Triq Burmarrad, St.Paul's Bay.
Proposal: Comprehensive development plan - sub division of areas into units for the following uses: Class 11 - business and light industry, Class 12 - general industry, Class 17 - storage/warehousing, distribution and parking of heavy vehicles/coaches, Class 19 - boatyards, and the sanctioning of boat yard.

No. 675

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-18 ta' Marzu 2014 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-8 ta' Ġunju 2014.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 18 March 2014 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 8th June 2014.

Impatti potenzjali *Potential Impacts*	Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ. *Remarks on mitigation measures, etc*.
Ħolqien ta' skart	L-ebda impatti sinifikanti m'huma mistennija matul il-fażi ta' kostruzzjoni minħabba li dawn x'aktarx ikunu limitati għall-iskart inert iġġenerat mit-tħaffir għall-ġibjuni għall-ilma tax-xita. Dawn l-impatti jistgħu jkunu mitigati b'mod adegwat permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni identifikati fl-*Environmental Management Construction Site Regulations* (Avviż Legali 295 tal-2007, kif emendat). Waqt il-fażi tal-operat, l-iskart iġġenerat mill-operat industrijali għandu jkun ġestit skont ir-Regolamenti relevanti għall-Immaniġġar tal-Iskart, b'distinzjoni bejn l-iskart perikoluż u dak mhux perikoluż. Kull skart li jiġi riċiklat għandu jinħażen separatament u ttrasportat għall-post adegwat għar-riċiklaġġ. F'dan ir-rigward, mhumiex mistennija ebda impatti sinifikanti matul il-fażi tal-operat.
Waste generation	*No significant impacts are envisaged during the construction phase given that this is likely to be limited to the inert waste generated by the excavation for the rainwater reservoirs. These impacts can be sufficiently mitigated through the application of mitigation measures identified in the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007, as amended).* *During operations, waste generated from the industrial operations is to be managed in accordance with the appropriate Waste Management Regulations, distinguishing between hazardous waste and non-hazardous waste. Any waste to be recycled is to be stored separately and transported from the site for recycling purposes. In this regard, no significant impacts are envisaged during the operational phase.*
Impatt fuq l-ilma	Tixrid potenzjali ta' likwidi u żjut waqt il-fażi ta' kostruzzjoni jista' jittaffa permezz tal-applikazzjoni xierqa tal-miżuri ta' mitigazzjoni identifikati fl-*Environmental Management Construction Site Regulations*, 2007, flimkien ma' miżuri oħrajn *standard* relatati ma' żviluppi industrijali. L-applikant għandu jsegwi wkoll r-rakkomandazzjonijiet ipprovduti permezz ta' *Construction Management Plan* (CMP). Matul l-operat, numru ta' miżuri *standard* għandom ikunu biżżejjed biex jiżguraw li ma jkunx hemm riskji ta' kontaminazzjoni tal-art jew ilma minn tixrid ta' materjal li potenzjalment jista' jkun tossiku. Huwa maħsub li miżuri bħal dawn se jkunu inklużi bħala parti mill-permess, kemm tal-iżvilupp u kif ukoll ambjentali.
Impact on water	*Potential spillages during the construction phase can be mitigated through the proper application of appropriate mitigation measures identified in the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007), combined with other relatively standard permit safeguards for industrial developments. Applicant is to follow the recommendations provided through a detailed Construction Management Plan (CMP).* *During operation, a combination of standard design-based and operational measures should be sufficient to ensure that there are no risks of contamination of land or water from releases of pollutants. It is envisaged that such measures will be duly factored directly into the mainstream development permitting and environmental permitting mechanisms.*

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Il-11 ta' Lulju, 2014

Nru. 676

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat

SKOND ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 ta' 2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent. Id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali limitat mhux se jżid informazzjoni ġdida u li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:
A detailed justification is presented below:

Numru ta' Riferenza:	TK 154618 (EA 00011/14)
Post:	Barriera li m'għadhiex tintuża, Triq it-Torri Vincenti, Mqabba, Malta
Proposta:	Ri attivazzjoni ta' operazzjoni ta' barriera (barriera li m'għadhiex tintuża 48, parzjalment eżawrita) u depożitu ta' materjal inert (barriera li m'għadhiex tintuża 30).
Reference Number:	*TK 154618 (EA 00011/14)*
Location:	*Ex Quarry 48, Triq it-Torri Vincenti, Mqabba, Malta*
Proposal:	*Reactivation of quarry operations (ex quarry no. 48 only partially exhausted) and deposit inert material (ex quarry no. 38).*

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

11th July, 2014

No. 676

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts. The Director of Environment Protection agrees to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fis-26 ta' Marzu 2014 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-12 ta' Ġunju, 2014.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 26th March 2014 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 12th June, 2014.

Impatti potenzjali *Potential Impact*	Rimarki fuq il-miżuri biex jittaffa l-impatt *Remarks on mitigation measures*
Trabijiet	Se jittieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jitnaqqsu t-trabijiet. Se jitħaddmu wkoll miżuri oħra li huma *standard* għal dan it-tip ta' żvilupp biex jitnaqqsu l-impatti fuq l-inħawi residenzjali viċin tas-sit.
Dust	*Practical measures, including planned placement of soil mounds, shall be undertaken to mitigate dust dispersion. Standard mitigation measures will be implemented to limit any impacts on the neighbouring residential area.*
Storbju u vibrazzjonijiet	Ix-xogħlijiet proposti se jsiru f'żona fejn hemm barrieri u għalhekk huwa mistenni li mhux se jkun hemm storbju u vibrazzjonijiet sinifikanti. Dawn l-impatti se jkomplu jittaffew permezz ta' miżuri msemmijin fir-Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, u dan speċjalment fir-rigward għall-inħawi residenzjali viċin tas-sit.
Noise and vibration	*The proposed works will be located within an area recognisant of quarry activity, and thus significant noise and vibrations are not envisaged. Noise abatement measures in accordance with the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007 (L.N. 295 of 2007) shall further minimize any impacts, and this with special regard to the neighbouring residential area.*
Tniġġis tal-ilma	Se jkun meħtieġ permess ambjentali sabiex jiġi żgurat li jintuża biss skart inert meta tintradam il-barriera, biex b'hekk ma jkunx hemm riskji ta' tniġġis tal-ilma. Għaldaqstant, mhumiex mistennija impatti sinjifikanti, u l-ġestjoni xierqa ta' materjali li jistgħu jniġġsu (eż. żjut) skont il-proċeduri statutorji għandhom ikunu biżżejjed biex jitnaqqsu l-effetti fuq l-ambjent u fuq l-ilma tal-pjan. Dan l-aspett se jkun infurzat permezz tal-mekkaniżmi tal-permessi ambjentali.
Water contamination	*An environmental permit will be required to ensure that only inert waste is used for quarry infilling, thus avoiding risks of water contamination. Otherwise, no significant impacts are envisaged, and the proper management of potential pollutants (e.g. oils) in accordance with statutory procedures is expected to be sufficient to minimise effects on the environment and on groundwater. This aspect will be enforced through the environmental permitting mechanism.*

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Il-11 ta' Lulju, 2014

11th July, 2014

Nru. 677

ELEZZJONI KAŻWALI 2014
PAOLA

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fit-8 jum ta' Lulju, 2014, biex jimtela l-post li tbattal minn Attard Raymond, Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal, ġew eżaminati u ttrasferiti skont il-liġi lill-kandidat nominat validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:–

No. 677

CASUAL ELECTION 2014
PAOLA

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 8th day of July, 2014, to fill the seat vacated by Attard Raymond, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the validly nominated candidate and that the result is as shown hereunder:–

Numru ta' voti fil-Pakkett / *Number of votes in Parcel* } **534**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti / *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota / *Quota* } **267**

Isem tal-Kandidat *Name of Candidate*	Għadd 1 *1st Count* Voti *Votes*
PARTIT LABURISTA	
DALLI RENALD	492E
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	42
Total *Total*	534

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi DALLI RENALD ġie kif mistħoqq elett Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that is duly elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum it-8 jum ta' Lulju, 2014
Dated this 8th day of July, 2014

JOSEPH CHURCH
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS — N. CUTAJAR — V. GANADO — P. SAMMUT
S. SANT — J. SCICLUNA — R. ZAMMIT — J. ZAMMIT MAEMPEL

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Nru. 678

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
11.7.14	€31.540	€0.526

Il-11 ta' Lulju, 2014

No. 678

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

11th July, 2014

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 88

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Lulju, 2014 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Wied Ganu.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-Birgu

Nhar il-Ħamis, 31 ta' Lulju, 2014 mill-11.00 p.m. 'il quddiem minn Misraħ ir-Rebħa, Triq Nestu Laiviera, Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, Triq Sant' Antnin, Triq Hilda Tabone, Triq il-Kwartier, Triq Pacifiku Scicluna, Biswit il-Kwartier, Triq it-Torri ta' San Ġwann u Triq il-Mina l-Kbira.

Nhar l-Erbgħa, 6 ta' Awwissu, 2014 mill-11.00 p.m. 'il quddiem minn Misraħ ir-Repubblika, Triq La Valette, Triq il-Miratur, Triq il-Mandraġġ, Triq il-Mina l-Kbira, Triq il-Palazz tal-Isqof, Triq Papa Alessandru u Triq it-Torri ta' San Ġwann.

Nhar il-Ħamis, 7 ta' Awwissu, 2014 mill-11.00 p.m. 'il quddiem minn Triq il-Mina l-Kbira u Misraħ ir-Rebħa.

POLICE NOTICE

No. 88

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated,

Żurrieq

On Sunday, 13th July, 2014 from 5.00 p.m. till midnight from Triq Wied Ganu.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

Vittoriosa

On Thursday, 31st July, 2014 from 11.00 p.m. onwards through Misraħ ir-Rebħa, Triq Nestu Laiviera, Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, Triq Sant' Antnin, Triq Hilda Tabone, Triq il-Kwartier, Triq Pacifiku Scicluna, Biswit il-Kwartier, Triq it-Torri ta' San Ġwann and Triq il-Mina l-Kbira.

On Wednesday, 6th August, 2014 from 11.00 p.m. onwards through Misraħ ir-Repubblika, Triq La Valette, Triq il-Miratur, Triq il-Mandraġġ, Triq il-Mina l-Kbira, Triq il-Palazz tal-Isqof, Triq Papa Alessandru and Triq it-Torri ta' San Ġwann.

On Thursday, 7th August, 2014 from 11.00 p.m. onwards through Triq il-Mina l-Kbira and Misraħ ir-Rebħa.

Nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu, 2014 mill-11.00 p.m. 'il quddiem minn Misraħ ir-Rebħa, Triq Desain, Triq il-Kardinal, Triq San Lawrenz, Triq Nestu Laiviera, Triq San Filippu, Triq La Valette, Triq il-Mina l-Kbira, Triq it-Torri ta' San Ġwann, Biswit il-Kwartier, Triq Paċifiku Scicluna, Triq il-Kwartier, Triq Hilda Tabone, Triq San Filippu, Il-Marina tal-Birgu u Triq il-Mandraġġ.

Nhar il-Ħadd, 10 ta' Awwissu, 2014 mill-11.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Sir Paul Boffa, Misraħ ir-Rebħa, Il-Marina tal-Birgu, Triq Nestu Laiviera, Triq il-Mina l-Kbira, Triq San Lawrenz, Triq La Valette, Triq il-Miratur, Triq Santa Skolastika, Triq Hilda Tabone, Triq il-Kwartier, Triq Pacifiku Scicluna, Triq l-Arċisqof Mikiel Gonzi u Triq it-Torri ta' San Ġwann.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Lulju, 2014

On Friday, 8th August, 2014 from 11.00 p.m. onwards through Misraħ ir-Rebħa, Triq Desain, Triq il-Kardinal, Triq San Lawrenz, Triq Nestu Laiviera, Triq San Filippu, Triq La Valette, Triq il-Mina l-Kbira, Triq it-Torri ta' San Ġwann, Biswit il-Kwartier, Triq Paċifiku Scicluna, Triq il-Kwartier, Triq Hilda Tabone, Triq San Filippu, Il-Marina tal-Birgu and Triq il-Mandraġġ.

On Sunday, 10th August, 2014 from 11.00 p.m. onwards through Triq Sir Paul Boffa, Misraħ ir-Rebħa, Il-Marina tal-Birgu, Triq Nestu Laiviera, Triq il-Mina l-Kbira, Triq San Lawrenz, Triq La Valette, Triq il-Miratur, Triq Santa Skolastika, Triq Hilda Tabone, Triq il-Kwartier, Triq Pacifiku Scicluna, Triq l-Arċisqof Mikiel Gonzi and Triq it-Torri ta' San Ġwann.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

11th July, 2014

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 89

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta

Sas-1.00 p.m. tat-Tnejn, 21 ta' Lulju, 2014 mill-parkeġġ f'Xatt il-Barriera, Xatt il-Barriera bejn Triq il-Mediterran u Telgħet ta' Liesse.

Nhar il-Ħamis, 17 ta' Lulju, 2014, il-Ġimgħa, 18 ta' Lulju, 2014, u s-Sibt, 19 ta' Lulju, 2014 mill-5.00 a.m. sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 20 ta' Lulju, 2014 minn Triq il-Mediterran sa Telgħet ta' Liesse.

Minn nhar il-Ħamis, 17 ta' Lulju, 2014 mis-2.00 p.m. sas-2.00 a.m. tal-Ġimgħa, 18 ta' Lulju, 2014 mill-Monument tal-Qanpiena sat-Telgħet ta' Liesse, Xatt il-Barriera bejn Triq il-Mediterran u Telgħet ta' Liesse u x-Xatt ta' Lascaris bejn Telgħet ta' Liesse u t-Telgħa tal-Kurċifiss, Il-Furjana.

Minn nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Lulju, 2014 mis-2.00 p.m. sas-2.00 a.m. tas-Sibt, 19 ta' Lulju, 2014 mill-Monument tal-Qanpiena sa Telgħet ta' Liesse, Xatt il-Barriera bejn Triq il-Mediterran u Telgħet ta' Liesse u x-Xatt ta' Lascaris bejn Telgħet ta' Liesse u Telgħa tal-Kurċifiss, Il-Furjana.

POLICE NOTICE

No. 89

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated.

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated.

Valletta

Up to 1.00 p.m. of Monday, 21st July, 2014 from the parking area at Xatt il-Barriera, Xatt il-Barriera between Triq il-Mediterran and ta' Liesse Hill.

On Thursday, 17th July, 2014, on Friday, 18th July, 2014 and on Saturday, 19th July, 2014 from 5.00 a.m. till 2.00 a.m. of Sunday, 20th July, 2014 from Triq il-Mediterran to Liesse Hill.

Between Thursday, 17th July, 2014 from 2.00 p.m. till 2.00 a.m. of Friday, 18th July, 2014 from Bell Monument till Ta' Liesse Hill, Xatt il-Barriera between Triq il-Mediterran and Ta' Liesse Hill and ix-Xatt ta' Lascaris between ta' Liesse Hill and Lower Crucifix Hill Floriana.

Between Friday, 18th July, 2014 from 2.00 p.m. till 2.00 a.m. of Saturday 19th July, 2014 from Bell Monument till Ta' Liesse Hill, Xatt il-Barriera between Triq il-Mediterran and Ta' Liesse Hill and ix-Xatt ta' Lascaris between ta' Liesse Hill and Lower Crucifix Hill Floriana.

Minn nhar is-Sibt, 19 ta' Lulju, 2014 mis-2.00 p.m. sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 20 ta' Lulju, 2014 mill-Monument tal-Qanpiena sa Telgħet ta' Liesse, Xatt il-Barriera bejn Triq il-Mediterran u Telgħet ta' Liesse u x-Xatt ta' Lascaris bejn Telgħet ta' Liesse u Telgħa tal-Kurċifiss, Il-Furjana.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Lulju, 2014

Between Saturday, 19th July, 2014 from 2.00 p.m. till 2.00 a.m. of Sunday, 20th July, 2014 from Bell Monument till Ta' Liesse Hill, Xatt il-Barriera between Triq il-Mediterran and Ta' Liesse Hill and ix-Xatt ta' Lascaris between ta' Liesse Hill and Lower Crucifix Hill Floriana.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

11th July, 2014

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija t-tieni pubblikazzjoni ta' lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta skont l-Artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Floriana.

Peter Paul Zammit
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta'oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta fil-perjodu matul ix-xhur minn Jannar sa Marzu, 2014.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
Jannar 2014		
03/01/14	Ċurkett Isfar	Ingrid Fenech
06/01/14	*Mobile Phone*	Joseph Bugeja
07/01/14	*Mobile Phone*	Julian Galea
07/01/14	*Mobile Phone*	Carmel Montebello
07/01/14	*Mobile Phone*	Francis Grech
07/01/14	Flus	PS 507 Rys Cassar
08/01/14	Ċurkett	Vanya Georgieva
08/01/14	*Mobile Phone*	Carmel Agius
08/01/14	Ċurkett	Luke Zerafa
10/01/14	Kartiera/flus	PC 16 Emanuel Zammit
10/01/14	Kartiera/flus	Josephine Hust
10/01/14	*Car stereo*	Vincent Muscat
10/01/14	Portmoni/Flus	Michael Pace
14/01/14	*Pocket*/Diversi Oġġetti	John Gauci
21/01/14	*Mobile Phone*	Salaha Mursel
22/01/14	Portmoni/Flus	Joseph Montesin
24/01/14	Portmoni/Flus	Rudy Farrugia
27/01/14	Arloġġi tal-Idejn	Edward Cassar Joe Grech
27/01/14	*Mobile Phone*	Charles Darmanin
28/01/14	*Bicycle*	Alex Vella
28/01/14	*Laptop*	Raymond Joseph Portelli
28/01/14	*Tablet*	Raymond Vassallo
Frar 2014		
04/02/14	*Mobile Phone*	Fr Walter Cauchi
05/02/14	*Laptop*	Anthony Sultana
07/02/14	*Iphone*	Clara Gauci Borda

11/02/14	*Mobile Phone*	Philip Said
13/02/14	Kartiera	Keith Galea (AFM)
18/02/14	*Mobile Phone*	Francis Xavier Fenech
18/02/14	Kamera tar-ritratti	Charmaine Cutajar
21/02/14	Fwieħa u Ħelu	Charles D'Amato
24/02/14	Giżirana tal-Perli	Nadya Papagiorcopulo
26/02/14	Flus	PC 425 Michael Cilia La Corte
28/02/14	Flus	Anthony Achille Camilleri

Marzu 2014

03/03/14	Flus	Christine Bezzina
04/03/14	Portmoni/Flus	Carmel Sammut
04/03/14	Kamera tar-ritratti	Carmelo Bonello
06/03/14	Kamera tar-ritratti	Dorothy Muscat
06/03/14	Pendent Salib Isfar	Efreme Gebremedhen
12/03/14	*Iphone*	Joseh Maria Cornsel
14/03/14	Arloġġ tal-Idejn tan-Nisa	Mark Anthony Bailey
20/03/14	*PSP* bil-logħob fuq *CDs*	Stanley Azzopardi
21/03/14	*Mobile Phone*	George Agius
25/03/14	Kamera tar-ritratti	Charmaine Galea
25/03/14	*Mobile Phone*	Felix Fenech
25/03/14	*Ipad*	Alfred Borg
27/03/14	*Iphone Apple*	Joe Bondin

Il-11 ta' Lulju, 2014 11th July, 2014

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija t-tieni pubblikazzjoni ta' lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta skont l-Artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Floriana.

Peter Paul Zammit
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta'oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta fil-perjodu matul ix-xhur minn April sa Ġunju, 2014.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI

April 2014

1/4/14	Basket/oġġetti personali	Jonathan Compagno
1/4/14	Flus	Margherita Grima
3/4/14	Miġbur	Miġbur
3/4/14	Kamera tar-ritratti	Mary Vassallo
4/4/14	*Kindle E-Book*	Janet Bonavia
4/4/14	Miġbur	Miġbur
4/4/14	*Mobile Phone*	Malcolm Mallia
4/4/14	Kartiera	Marica Sammut
4/4/14	Flus barranin	William Kenneth Brown
8/4/14	Kamera tar-ritratti	Paul Calleja
8/4/14	*I-Phone*	Bashir Abdulahi Ahmed

11/4/14	*Mobile Phone*	Kevin Borg
17/4/14	Flus	David Benjamin
22/4/14	Bagalji/oġġetti personali	Kevin Scicluna
23/4/14	Kurċifiss tal-Metall	Rev. Martin Cardona
23/4/14	Arloġġ tal-Id	Hughie Greengrass
23/4/14	*Tablet*	Khuaram Saed Qadir
24/4/14	Arloġġ tal-Id	Maryann Borg
25/4/14	*Mobile Phone*	Paul Bilocca
28/4/14	*Make up*	Joanna Wright

Mejju 2014

5/5/14	*Mini I pad*	Audrienne Grech
5/5/14	Miġbur	Miġbur
6/5/14	Arloġġ tal-Id	Kurt Agius
6/5/14	*Iphone*	Wendy Zammit
7/5/14	Portmoni/Flus	Rosianne McKay
7/5/14	*I-Phone*	Linda Lee Cordina
7/5/14	Kartiera/Flus	Christian Camilleri
9/5/14	*Mobile Phone*	Raymond Spiteri
14/5/14	Portmoni/Flus	Alexandra Henley
20/5/14	Kartiera/Flus	Georgi Emanoilov Stoev
20/5/14	Portmoni/Flus	Ausra Bukauskaite
20/5/14	Kartiera	Giovanni Lughermo
22/5/14	Flus	Antonella Mizzi
23/5/14	Ċurkett	PS 1586 Aaron Attard
27/5/14	Kartiera/Flus	Helen Farrugia
27/5/14	Kartiera	Lukasz Kamil Tomczak
28/5/14	Katina safra	Kenneth Cutajar
28/5/14	*Tablet*	Joseph Saliba
29/5/14	*Iphone*	Emanuel Sammut
29/5/14	*Mobile Phone*	David Adams
29/5/14	*Laptop*	Therese Calleja
29/5/14	Ċurkett	Anthony Saliba

Ġunju 2014

30/5/14	*Iphone*	Alexander Azzopardi
2/6/14	*Mobile Phone*	M'Dolores Borg
3/6/14	*Laser measuring rule*	Josef Micallef
9/6/14	Arloġġ tal-Id	Francesco Apap Bolognia
13/6/14	*Mobile Phone*	Vincent Agius
13/6/14	*Iphone*	Alexandra Pulis
16/6/14	*Iphone*	Victor Alonso Santamarina
17/6/14	*Mobile Phone*	Maria Perrett
18/6/14	*Kindle*	Pamela May Gurney
19/6/14	*Iphone*	Helen Sammut
25/6/14	Kartiera/Flus	Dorota Natalia Kondrat
27/6/14	Kartiera/Flus	Paul Busuttil
27/6/14	Basket	Caterina Fiorini
30/6/14	*Mobile Phone*	Felice Pulis

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija t-tieni pubblikazzjoni ta' lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta skont l-Artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Floriana.

Peter Paul Zammit
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta'oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex fil-perjodu matul ix-xhur minn Jannar sa Marzu, 2014.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
04.01.2014	Logħob tal-*Playstation*	George Gatt
07.01.2014	*Mobile Phone*	Noel Camilleri
13.01.2014	Kartiera u flus	Noel Said
27.02.2014	Kartiera	Godfrey Attard
05.03.2014	Basket, kamera, ħwejjeġ u ikel	George Farrugia
06.03.2014	*Mobile Phone*	M. Josette Vella Magro
06.03.2014	*Mobile Phone*	Guda Taddeo Attard
13.03.2014	Kartiera u flus	Mark Formosa

Il-11 ta' Lulju, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 35 tal-2014

Ħruq ta' muratli minn Manoel Island fid-Daħla ta' Tas-Sliema, Il-Port ta' Marsamxett

Id-Direttorat tal-Portijet u l-*Yachting,* Transport Malta jgħarraf lill-baħħara li se jsir ħruq ta' murtali lil hinn mid-daħla ta' Tas-Sliema, iċċentrata fil-pożizzjonijiet:

Pożizzjoni	*Latitude (T)*	*Longitude (L)*
A	35º 54'.319	14º 30'.321
B	35º 54'.258	14º 29'.792

Il-ħruq tal-murtali fl-ajru se jsir fid-dati u l-ħinijiet msemmija kif ġej.

Minn pożizzjoni A kif muri fuq iċ-*chart fuq* il-*website* ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)

Is-Sibt, 12 ta' Lulju 2014 mit-8.00 a.m. sat-8.30 a.m., minn nofsinhar san-12.30 p.m., mis-6.00 p.m. sas-6.30 p.m. u bejn l-10.15 p.m. u l-11.00 p.m.

Il-Ħadd, 13 ta' Lulju, 2014 mit-8.00 a.m. sat-8.30 a.m., mid-9.15 a.m. sad-9.45 a.m., u mit-8.00 p.m. sal-11.30 p.m.

11th July, 2014

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 35 of 2014

Fireworks Display from Manoel Island in Sliema Creek, Marsamxett Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies Mariners that fireworks will be let off from the foreshore in Sliema Creek, centered in positions:

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35º 54'.319	14º 30'.321
B	35º 54'.258	14º 29'.792

The aerial fireworks displays will take place on the following dates and times.

From position A as shown on the chart on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt).

Saturday, 12th July 2014 from 8.00 a.m. till 8.30 a.m., from noon till 12.30 p.m., from 6.00 p.m. till 6.30 p.m. and between 10.15 p.m. and 11.00 p.m.

Sunday, 13th July 2014 from 8.00 a.m. till 8.30 a.m., from 9.15 a.m. till 9.45 a.m., and from 8.00 p.m. and 11.30 p.m.

Il-ħruq tan-nar tal-art se jsir fid-dati u l-ħinijiet msemmija kif ġej.

Minn pożizzjoni b (ħdejn il-pont) kif muri fuq iċ-*chart fuq* il-*website* ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)

Il-Ġimgħa, 11 ta' Lulju 2014 mill-11.00 p.m. sal-11.30 p.m,

Is-Sibt, 12 ta' Lulju 2014 mill-11.30 p.m. sal-12.30 a.m. (Il-Ħadd, 13 ta' Lulju 2014);

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma infurmati li ħadd ma jista' jbaħħar fil-200 metru mill-pożizzjoni A ta' hawn fuq fil-Port ta' Marsamxett Harbour matul il-ħin tal-murtali. L-inġenji kollha irmiġġati fiż-żoni indikati (kif muri fuq iċ-*chart*) għandhom jitneħħew fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq tal-logħob tan-nar. Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta mhux responsabbli tal-ħsara ta' bastimenti li tħallew fil-qasam fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq

Il-baħħara għandhom jobdu d-direttivi maħuġa mill-Valletta VTS (Valletta Port Control) u l-Pulizija fiż-żona.

Charts affettwati: BA 177

Il-11 ta' Lulju, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 36 tal-2014

Regatta b'ċattra fil-Bajja ta' San Ġiljan, San Ġiljan

Id-Direttorat tal-Portijet u l-*Yachting,* Transport Malta jgħarraf li r-Rotary Club Malta se jorganizza *Kon Tiki regatta challenge* fil-Bajja ta' San Ġiljan, San Ġiljan taħt Ġnien l-Indipendenza kif muri fuq iċ-*chart fuq* il-*website* ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)

Il-parteċipanti se jibnu ċattra u jaqdfu 'l barra għal madwar 50 sa 70 metru u lura. Din ir-regatta se ssir nhar is-Sibt 12 ta' Lulju, 2014 bejn id-9.00 a.m. u s-7.00 p.m.

Matul din l-attività se jkun hemm preżenti għaddasa biex jagħtu l-għajnuna.

Il-baħħara għandhom joqogħdu attenti u jbaħħru b'attenzjoni u bilmod u joqogħdu 'l bogħod miż-żona waqt il-ħin stipulat u jħallu spazju biżżejjed liċ-ċattri. Huma għandhom jobdu l-ordnijiet mogħtija mill-Valletta(Valletta Port Control) u lid-dgħajjes tal-għajnuna.

Charts affettwati: BA 177

It-8 ta' Lulju, 2014

The ground fireworks display will take place on the following dates and times.

From position B (near bridge) as shown on the chart on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt).

Friday, 11th July 2014 from 11.00 p.m. till 11.30 p.m.

Saturday, 12th July 2014 from 11.30 p.m. till 12.30 a.m. (Sunday, 13th July 2014);

In view of the above, mariners are informed that navigation within 200 meters from the above position A in Marsamxett Harbour will be prohibited during the time of fireworks. All craft moored within the indicated areas (as shown on the chart) are to be removed on the above-mentioned dates and times of the fireworks displays. The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta will accept no liabilities whatsoever for any vessels that are left lying in the area on the above mentioned dates and times

Mariners are to obey directives issued by the Valletta VTS (Valletta Port Control), and by Police in the area.

Chart affected: BA 177

11th July, 2014

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 36 of 2014

Man Made Raft Regatta Challenge at St Julians Bay, St Julians

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that the Rotary Club Malta will be organising a Kon Tiki regatta challenge at St Julians Bay. St Julians from below Independence Garden as shown on the chart on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt).

Participants are to construct a raft and row out for about 50 meters to 70 meters and return back. This regatta will take place on Saturday 12th July, 2014 between 9.00 a.m. and 7.00 p.m.

Rescue divers will be present during this activity.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed and keep well clear of the area during the stipulated time giving the man made rafts a wide berth. They are to obey any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) and support vessels in the area.

Charts affected: BA 177, 2537 and 2538

8th July, 2014

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, INVESTIMENT U INTRAPRIŻI ŻGĦAR

Pożizzjoni ta' *Manager* fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata l-4 ta' Lulju, 2014)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Manager* fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, fil-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar.

Tul tal-*Assignment* u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Manager* fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *Manager* fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax (12) -il xahar.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Manager* fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (bħalissa €23,997 fis-sena). Persuna magħżula tkun intitolata għal *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku.

Dmirijiet

4**.** Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Manager* fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar jinkludu:

a. tipprovdi assistenza lis-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar (MEIB), biex tassigura l-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-istrateġija/programm ta' ħidma tal-Ministeru;

b. timmaniġġa x-xogħol ta' kuljum tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, b'mod effiċjenti u effettiv, inklużi kwistjonijiet kollha marbuta mar-Riżorsi Umani;

MINISTRY FOR THE ECONOMY, INVESTMENT AND SMALL BUSINESS

Position of Manager in the Office of the Permanent Secretary within the Ministry for the Economy, Investment and Small Business

(Capacity building approval dated 4th July, 2014)

"In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender".

The Permanent Secretary, Ministry for the Economy, Investment and Small Business invites applications for the position of Manager in the Office of the Permanent Secretary within the Ministry for the Economy, Investment and Small Business.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as Manager in the Office of the Permanent Secretary within the Ministry for the Economy, Investment and Small Business, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Manager in the Office of the Permanent Secretary is subject to a probationary period of twelve (12) months.

Salary pegged to the position

3. The salary attached to the position of Manager is equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (currently €23,997 per annum). The selected candidate will also be entitled to a performance bonus of up to 10% of the basic salary.

Duties

4. The duties of Manager in the Office of the Permanent Secretary within the Ministry for the Economy, Investment and Small Business include:

a. providing support to the Permanent Secretary, Ministry for the Economy, Investment and Small Business (MEIB), to ensure the monitoring and implementation of the Ministry strategic/business plan;

b. managing the day to day operations of the Permanent Secretary, Ministry for the Economy, Investment and Small Business in an efficient and effective manner including all Human Resources issues;

c. torganizza, tattendi u tieħu l-minuti tal-laqgħat mas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, jew rappreżentant tagħha;

d. tħejji abbozz ta' ittri u rapporti skont kif mitlub mis-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar jew rappreżentant tagħha;

e. twettaq riċerka għan-nom tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar u tipprovdi abbozzi ta' rapporti u rakkomandazzjonijiet xierqa;

f. tipprovdi assistenza lid-diversi kumitati/gruppi ta' ħidma mwaqqfa fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar;

g. iżżomm kuntatt mill-qrib mas-*Senior Management* tal-Ministeru u entitajiet oħra li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar u tiżgura koordinazzjoni ta 'attivitajiet, prijoritajiet u skadenzi;

h. twettaq dmirijiet oħra skont kif mitluba mis-Segretarju Permanenti, Ministeru għall- Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar;

i. twettaq dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku, skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mit-taqsima tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, Millennia Buildings, l-Ewwel Sular, Triq Aldo Moro, Il-Marsa, MRS 9065.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta'

c. organising, attending and keeping minutes of meetings with the Permanent Secretary, Ministry for the Economy, Investment and Small Business or her representative;

d. preparing draft letters and reports as requested by the Permanent Secretary, Ministry for the Economy, Investment and Small Business or her representative;

e. undertaking research on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for the Economy, Investment and Small Business and providing appropriate draft reports and recommendations;

4.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 4.1, have proven relevant work experience.

4.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of

tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

6. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi (Att: Fergħa tar-Riżorsi Umani), Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Awwissu 2014. L-applikazzjonijiet jistgħu ukoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinstabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (Att: Fergħa tar-Riżorsi Umani), Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Il-11 ta' Lulju, 2014

which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

6. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

Submission of applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by Director Corporate Services (Attn: Human Resources Branch) in the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 1st August 2014. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359)or may be obtained from the Corporate Services Directorate (HR Branch), Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

11th July, 2014

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U S-SAĦĦA
(SAĦĦA)

Post ta' *House Surgeon (Dentistry)*
fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa)

(Approvazzjoni skont il-capacity building
data 1 ta' Ġunju 2013)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani) (Saħħa) għas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa), jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *House Surgeon* (*Dentistry*) fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa).

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju tal-post ta' *House Surgeon (Dentistry)* huwa ekwivalenti għall-Skala ta' Salarju 9, preżentament €18,254.02 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €20,938.00.

2.2 Tingħata *allowance* annwali ta' €1,200 fis-sena li titħallas fi tlettax (13)-il pagament ugwali. Ħaddiema li jkunu jaħdmu fuq *time-table* ta' ħinijiet ridotti għandhom jirċievu l-*allowance* pro-rata. Din l-*allowance* annwali tieqaf titħallas hekk kif jiġi ffirmat il-Ftehim Settorali li jappartjeni għall-Klassi tad-Dentisti.

2.3 Il-ħatra ta' *House Surgeon (Dentistry)* tkun fuq bażi ta' kuntratt ta' sentejn (2), bi prova għal sena (1).

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *House Surgeon (Dentistry)* jinkludu:

(a) tassisti fl-għotja ta' kura tas-saħħa fl-Isptarijiet u fid-diversi ċentri tas-saħħa tal-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa);

(b) taħdem fid-Dipartiment tad-Dentistrija fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa). Hija tkun taħdem f'kull waqt taħt is-superviżjoni tas-superjuri tagħha u tkun tirrispondi direttament lill-Konsulent inkarigat;

(c) tipparteċipa f'attivitajiet akkademiċi organizzat mid-Dipartiment tad-Dentistrija;

(d) ittemm b'suċċess ir-rekwiżiti tal-Programm ta' Taħriġ għall-*House Surgeon Dentistry;*

MINISTRY FOR ENERGY AND HEALTH
(HEALTH)

Post of House Surgeon (Dentistry)
in the Ministry for Energy and Health (Health)

(Capacity building approval
dated 1st June 2013)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director (Human Resources Practices) (Health) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Energy and Health (Health), invites applications for the post of House Surgeon (Dentistry) in the Ministry for Energy and Health (Health).

Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of House Surgeon (Dentistry) is equivalent to Salary Scale 9, currently €18,254.02 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €20,938.00.

2.2 An annual allowance of €1,200 per annum is to paid in thirteen (13) equal instalments. Employees working on a reduced time-table will receive pro-rata allowance. This annual allowance will cease to be paid upon the signing of the new Sectoral Agreement pertaining to the Dental Class.

2.3 The appointment of a House Surgeon (Dentistry) shall be on a basis of a two (2) year contract, subject to a probationary period of one (1) year.

Duties

3.1 The duties of House Surgeon (Dentistry) include:

(a) assisting in the delivery of health care in the hospitals and various health care settings of the Ministry for Energy and Health (Health);

(b) to work in the Department of Dentistry within the Ministry for Energy and Health (Health(; He/she will work at all times under the supervision of his/her seniors and will be directly accountable to the Consultant in charge;

(c) to participate in academic activities organized within the Department of Dentistry;

(d) to successfully complete the requirements of the Training Programme for House Surgeon Dentistry;

(e) dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

(f) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa).

3.2 Kandidati magħżula jistgħu jintalbu li jwettqu dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, inkluż servizzi pprovduti għall-Anzjani.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mid-Direttorat għall-Prattiki tar-Riżorsi Umani (Saħħa) tal-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa) f'Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, li jista' jiġi kkuntattjat ukoll permezz ta' *email* fuq (recruitment.meh-health@gov.mt).

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

(e) performing any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

(f) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Energy and Health (Health).

3.2 Selected candidates may be required to perform duties in any of the health care services in Malta and Gozo, including services provided for the Elderly.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Human Resources Practices Directorate (Health) of the Ministry for Energy and Health (Health) at Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, which may also be contacted by email at (recruitment.meh-health@gov.mt).

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(iii) ikollhom isimhom imniżżel fil-lista tar-registrazzjoni provizorja mizmuma mill-Kunsill Mediku ta' Malta skont Artiklu12(1) sub-artiklu 2 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap.464);

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel, u jagħtu d-dettalji).

4.2 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

4.3 Applikazzjonijiet ikunu kkunsidrati wkoll minn kandidati li bħalissa m'għandhomx ir-reġistrazzjoni msemmija kif mitlub f'para 4.1.(iii), dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija f'paragrafu 4.1 (i), (ii) u (iv), u li jkollhom ir-rekwiżiti indikati f'paragrafu 4.1.(iii) sal-aħħar ta' Jannar 2015. Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu jippreżentaw ir-reġistrazzjoni indikata f'paragrafu 4.1(iii) qabel il-ħatra. Aktar minhekk, qed jiġi nnutat li kandidati eliġibbli taħt dan il-paragrafu jingħataw il-ħatra ladarba l-lista tal-applikanti magħżula skont paragrafu 4.1 tkun eżawrita, dment li jkun għad fadal vakanzi.

4.4 Kandidati li japplikaw bis-saħħa ta' paragrafu 4.3. huma mitluba li juru b'sodisfazzjon għall-Bord tal-Għazla li kienu/huma rreġistrati f'kors li jwassalhom fi żmien suffiċjenti biex jiksbu kwalifika li tagħmilha possibbli li jiksbu r-reġistrazzjoni indikata f'Paragrafu 4.1(iii) sal-aħħar ta' Jannar 2015. Kandidati li mhumiex irreġistrati b'dan il-mod jitqiesu bħala ineliġibbli.

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at 4(b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(iii) have their name entered in the list of provisional registration kept by the Medical Council of Malta in terms of Article 12(1) sub- article 2 of the Health Care Professions Act (Cap. 464);

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.2 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Applications will also be considered from candidates who are currently not in possession of the above mentioned registration required in para 4.1.(iii), provided that they satisfy the requirements stated in paragraph 4.1 (i), (ii) and (iv), and that they will be in possession of the requirements indicated at 4.1.(iii) by the end of January 2015. If selected, such candidates must produce the registration indicated at paragraph 4.1(iii) before appointment. Furthermore, it is noted that candidates eligible under this paragraph will only be appointed once the list of successful applicants eligible under paragraph 4.1. is exhausted, provided vacancies are available.

4.4 Candidates applying under paragraph 4.3. are required to demonstrate to the satisfaction of the Selection Board that they were/are enrolled in a course which will qualify them in sufficient time to obtain a qualification which would make it possible to acquire the registration indicated in paragraph 4.1(iii) by the end of January 2015. Candidates who are not so enrolled will be considered to be ineligible.

4.5 F'każ ta' kandidati li japplikaw bis-saħħa ta' paragrafu 4.3., jekk ma jkunux ġabu r-reġistrazzjoni mitluba f'paragrafu 4.1.(iii) sad-data li jkun hemm vakanza, jinżamm id-dritt li jinħatar il-kandidat/a rreġistrata li jmiss. Minkejja dan, hu/hi żżomm postu/postha fl-ordni ta' mertu f'każ li tinħoloq vakanza oħra.

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

6. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani) (Saħħa), Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa), Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Awwissu, 2014. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;

jinsabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) jew jinkisbu mid-Direttorat għall-Prattiki tar-Riżorsi Umani (Saħħa), Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa), Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali

4.5 In the case of candidates applying under paragraph 4.3., should they not have yet obtained the registration required at 4.1.(iii) by the time a vacancy becomes available, the right is reserved to appoint the next registered candidate. Nevertheless, he/she will retain his or her position in the order of merit in case additional vacancies arise.

Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

6. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

Submission of applications

7. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received by the Director (Human Resources Practices) (Health), Ministry for Energy and Health (Health) at Palazzo Castellania, 15, Merchants Street, Valletta VLT 1171, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 1st August, 2014. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;

may be viewed by accessing the website of the Public Administration Human Resources Office at the address (http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) or may be obtained from the Human Resources Directorate (Health), Ministry for Energy and Health (Health), Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to

għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-fax tad-Direttorat riċeventi huwa +356 2299 2604 filwaqt li l-*email* huwa (recruitment.meh-health@gov.mt).

Il-11 ta' Lulju, 2014

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U S-SAĦĦA (SAĦĦA)

Pożizzjoni ta' *Senior Procurement Officer* fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa)

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata 13 ta' Settembru 2013)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani) (Saħħa) għas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa), jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Senior Procurement Officer* fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa).

Tul tal-A*ssignment* u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Senior Procurement Officer* fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa), li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *Senior Procurement Officer* hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' 12-il (12) xahar.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 9 (li fis-sena 2014 huwa ta' €18,254.02 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €447.33 sa massimu ta' €20,938.00).

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Senior Procurement Officer* jinkludu li:

(a) teżamina l-katalogi, pubblikazzjonijiet u direttorji ta' kummerċ sabiex isib il-forniturі, servizzi u/jew xogħlijiet adatti;

(b) tikkoordina mal-entitajiet/partijiet interessati sabiex tassisti lill-*Management* tad-Dipartiment tal-*Procurement*;

be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Directorate is +356 2299 2609 and the e-mail address is (recruitment.meh-health@gov.mt).

11th July, 2014

MINISTRY FOR ENERGY AND HEALTH (HEALTH)

Position of Senior Procurement Officer in the Ministry for Energy and Health (Health)

(Capacity building approval dated 13th September 2013)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director (Human Resources Practices) (Health) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Energy and Health (Health), invites applications for the position of Senior Procurement Officer in the Ministry for Energy and Health (Health).

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a thirty six (36) month assignment as a Senior Procurement Officer in the Ministry for Energy and Health (Health), which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Senior Procurement Officer is subject to a probationary period of twelve (12) months.

Salary pegged to the position

3. The salary attached to the position of Senior Procurement Officer is equivalent to Salary Scale 9 (which in the year 2014 is €18,254.02 per annum rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €20,938.00).

Duties

4.1. The duties of Senior Procurement Officer include:

(a) examining catalogues, commerce publications and directories in order to find the right suppliers, services and/or works;

(b) being responsible to liaise with the entities/ stakeholders so as to assist in the management of the Procurement Department;

(c) tipprovdi servizzi fil-livell tal-entità rispettiva u tirrapporta ċentralment lis-*Central Procurement Supplies Unit* sabiex jamalgama t-talbiet mal-kumplament tal-Uffiċjali ġejjin minn entitajiet oħra sabiex iwaqqaf il-kuntratti ta' perjodu biex ikopru il-bżonnijiet kollha tad-Dipartiment tas-Saħħa u jitgawdew il-benefiċċji minn ekonomiji ta' skala;

(c) providing services to the respective entity level and reporting centrally to the Central Procurement and Supplies Unit so as to amalgamate requests with the rest of the officers emanating from the other entities, in order to set up the period contracts to cover the entire Health Department requirements and benefit from economies of scale;

(d) tistabilixxi *database* tal-fornituri barranin u lokali;

(d) establishing foreign and domestic suppliers database;

(e) tinnegozja l-aħjar kwalità bl-irħas prezzijiet;

(e) negotiating best quality at the lowest prices;

(f) tamministra s-sistemi *online* ta' xiri;

(f) administering online purchasing systems;

(g) tistudja rekords tal-konsum u livelli tal-inventarju;

(g) studying consumption records and inventory levels;

(h) tagħmel l-ordnijiet u tiċċekkja l-konsinna;

(h) placing orders and checking deliveries;

(i) tistma l-prodotti u s-servizzi;

(i) appraising products and services;

(j) tifformula, timplimenta u tissorvelja l-*policies,* il-protokolli u l-proċeduri/proċessi;

(j) formulating, implementing and monitoring of the policies, protocols and procedures/processes;

(k) tissorvelja l-funzjonijiet tax-xiri u l-*procurement* skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi kif ukoll Regolamenti Finanzjarji;

(k) monitoring of purchasing and procurement functions in line with Public Procurement and Contract Financial Regulations;

(l) tfassal id-dokumenti tal-offerta;

(l) drawing up of tender documents;

(m) timplimenta sistema ta' konsinna tal-prodotti meħtieġa mill-isptar b'mod effettiv u fil-ħin.

(m) implementing of an effective Just-in-Time delivery system for goods required by hospitals;

(n) tikkoordina mal-*iStores and Distribution Officer* biex tirrevedi l-*istocks* għal fini ta' ordnijiet u terġa' tordna

(n) liaising with the Stores and Distribution Officer to review stocks for ordering and reordering purposes;

(o) tissorvelja sabiex tiżgura li l-materjal konsenjat ikun skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-ordnijiet tax-xiri relevanti;

(o) monitoring to ensure that items received are as per specifications set out in relevant purchase orders;

(p) tassigura li l-oġġetti u l-konsinna tkun waslet fil-ħin permezz ta' strateġija ta' rotta effiċjenti;

(p) ensuring that goods and supplies are received on time through efficient routing strategies;

(q) tassigura li r-riċerka neċessarja tkun tmexxiet fejn jirrigwarda l-fornitur u l-prodotti sabiex tkun f'pożizzjoni li tavalwa l-andament tal-fornitur jew adekwatezza tal-prodotti in vista tal-bżonnijiet tal-Isptar;

(q) ensuring that the necessary research has been carried out with regard to supplier and products so as to be in a position to evaluate performance of suppliers/products adequacy in view of Hospital requirements;

(r) tissorvelja u tevalwa l-proċessi tat-talbiet għax-xiri ta' prodotti li jinkludu d-dettalji tal-ispeċifikazzjonijiet, dokumentazzjoni ta' offerti kompetittivi u pproċessar ta' ordnijiet ta' xiri fl-irwol ta' *Chairperson*;

(r) monitoring and evaluating the processing of requisitions for the purchasing of supplies including the detailing of specifications, documentation of competitive bidding and processing of purchase orders in the role of the Chairperson;

(s) tipprevjeni, tinvestiga u tirrapporta ineffiċjenzi jew kondotta ħażina possibbli fis-sistemi tal-akkwist u tiddentifika xi azzjoni korrettiva meħtieġa;

(s) preventing, investigating and reporting inefficiencies or possible misconduct in the acquisition system and identifying any corrective action required;

(t) tassigura li l-proċessi tal-ordnijiet tax-xiri kollu, skeda ta' dati ta' konsinna u metodu ta' trasport isiru fil-ħin;

(u) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw li tinkludi wkoll is-Sistema Elettronika tal-*Public Procurement*;

(v) dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

(w) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa)

4.2 Kandidati magħżula jistgħu jintalbu li jwettqu dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, inkluż servizzi pprovduti għall-Anzjani.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

(t) ensuring the timely processing of all purchase orders, schedule delivery dates and transportation methods;

(u) making use of the Information Technology systems which may be in operation including the Electronic Public Procurement System amongst others;

(v) any other duties as stipulated by the employerny other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

(w) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Energy and Health (Health).

4.3. An appointee may be required to perform duties in any of the health care services in Malta and Gozo, including services provided for the Elderly.

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

(iii) (a) ikollhom pussess ta' *Degree* pertinenti f'livell 6 tal-MQF flimkien ma' sena esperjenza ta' xogħol relevanti; jew

(b) ikunu Uffiċċjali Pubbliċi fi Skala mhux inqas minn skala 12 b'erba' (4) snin esperjenza fix-xogħol relevanti.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel, u jagħtu d-dettalji).

5.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

5.4 Applikazzjonijiet ikunu kkunsidrati wkoll minn kandidati li bħalissa m'għandhomx il-kwalifika kif mitlub f'para 5.1(iii)(a) dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English Language;

(iii) (a) be in possession of a pertinent first degree at MQF Level 6, or an appropriate, recognised, comparable qualification together with one (1) year relevant work experience; or

(b) be Public Officers in a Scale not below Scale 12 with four (4) years relevant work experience.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience.

5.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

5.4 Applications will also be considered from candidates who are currently not in possession of the qualifications specified in para 5.1(iii)(a), provided that they satisfy the

f'paragrafu 5.1(i), (ii) u (iv), u li jkollhom ir-rekwiżiti indikati f'paragrafu 5.1(iii)(a) sal-aħħar ta' Diċembru 2014. Jekk jintgħażlu, dawn il-kandidati jridu jippreżentaw il-kwalifika indikata f'paragrafu 5.1(iii)(a) qabel il-ħatra. Aktar minhekk, qed jiġi nnutat li kandidati eliġibbli taħt dan il-paragrafu jingħataw il-ħatra ladarba l-lista tal-applikanti magħżula skont paragrafu 5.1 tkun eżawrita, dment li jkun għad fadal vakanzi.

5.5 Kandidati li japplikaw bis-saħħa ta' paragrafu 5.4. huma mitluba li juru b'sodisfazzjon għall-Bord tal-Għazla li kienu/huma qed jagħmlu kors li jwassalhom fi żmien suffiċjenti biex jiksbu l-kwalifika indikata f'Paragrafu 5.1(iii)(a) sal-aħħar ta' Diċembru 2014. Kandidati li m'humiex qed isegwu tali kors jitqiesu bħala ineliġibbli.

5.6 F'każ ta' kandidati li japplikaw bis-saħħa ta' paragrafu 5.4, jekk ma jkunux ġabu l-kwalifika mitluba f'paragrafu 5.1(iii)(a) sad-data li jkun hemm vakanza, jiġi riservat id-dritt li jinħatar il-kandidat/a rreġistrata li jmiss. Minkejja dan, hu/hi żżomm postu/postha fl-ordni ta' mertu f'każ li tinħoloq vakanza oħra.

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani) (Saħħa), Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa) f' Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Awwissu 2014. L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

requirements stated in paragraph 5.1 (i), (ii) and (iv), and that they will be in possession of the requirements indicated in Para 5.1 (iii)(a) by the end of December 2014. If selected, such candidates must produce the certification indicated in para 5.1 (iii)(a) before appointment. Furthermore, it is noted that candidates eligible under this paragraph will only be appointed once the list of successful applicants eligible under paragraph 5.1 is exhausted, provided vacancies are available.

5.5 Candidates applying under paragraph 5.4 are required to demonstrate to the satisfaction of the Selection Board that they were enrolled in a course which will qualify them in sufficient time to obtain the qualification indicated in paragraph 5.1(iii)(a) by the end of December 2014. Candidates who are not so enrolled will be considered as ineligible.

5.6 In the case of candidates applying under paragraph 5.4, should they not have yet obtained the qualification specified in paragraph 5.1 (iii)(a) by the time a vacancy becomes available, the right is reserved to appoint the next candidate who would have obtained the qualification. Nevertheless, he/she will retain his or her position in the order of merit in case additional vacancies arise.

Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

7. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Submission of applications

8. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Director (Human Resources Practices) (Health), Ministry for Energy and Health (Health) at Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 1st August 2014. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

kundizzjonijiet oħra marbuta mal-*assignment*/kuntratt;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinstabu fis-sit elettroniku tad-Direttorat tar-*Resourcing,* Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=799) jew jinkisbu mid-Direttorat għall-Prattiki tar-Riżorsi Umani (Saħħa), Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa), Palazzo Castellania, 15, Triq Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Direttorat riċeventi huwa +356 2299 2604 filwaqt li l-indirizz tal-*email* huwa (recruitment.meh-health@gov.mt).

Il-11 ta' Lulju, 2014

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U XOGĦOL

Post ta' *Kindergarten Assistant* II fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) fi Ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Impjieg

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata l-21 ta' Awissu, 2013)

Skont klawsola 3.1 (I) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1.0 Introduzzjoni

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Kindergarten Assistant II* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol (MEDE).

1.2 Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provvediment ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-kulleġġi

Other general provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the conditions relating to the assignment/contract;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=799) or may be obtained from Human Resources Practices Directorate (Health), Ministry for Energy and Health (Health), Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valleta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Directorate is +356 2299 2604 and the e-mail address is (recruitment.meh-health@gov.mt).

Il-11 ta' Lulju, 2014

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Post of Kindergarten Assistant II in the Directorate for Educational Services within the Ministry for Education and Employment

(Capacity building approval dated 21st August, 2013)

In accordance with clause 3.1(I) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

1.0 Introduction

1.1 The Permanent Secretary, Ministry of Education and Employment invites applications for the post of Kindergarten Assistant II in the Directorate for Educational Services (DES) within the Ministry for Education and Employment (MEDE).

1.2 The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to the

u l-iskejjel tal-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizzjoni u awtonomija.

1.3 Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (KAP 327 tal-Liġijiet ta' Malta) li jidher fis-sit elettroniku (https://education.gov.mt/en/resources/Pages/Legislation.aspx).

2.0 Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' *Kindergarten Assistant II* huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fl-2014 huwa ta' €15,106.00 fis-sena, li jiżdied bi €354.00 fis-sena sa massimu ta' €17,230.00.

2.2 Persuna fil-grad ta' *Kindergarten Assistant II* titla' fi Skala 10 (€17,135.98 x €407.67 - €19,582.00) wara ħames (5) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3 Il-persuna magħżula bħala *Kindergarten Assistant II* tirċievi *Allowance* inklussiva ta' €300 fis-sena kif stipulat fil-ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-MUT iffirmat fit-23 ta' Marzu 2010.

2.4 Il-persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq id-doveri tagħha f'Għawdex.

3.0 Dmirijiet

3.1 L-Għanijiet ewlenin ta' persuna fil-ħatra ta' *Kindergarten Assistant* II fid-DSE jinkludu:

L-edukazzjoni ta' tfal skont il-linji gwida li jinsabu fil-qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali taħt il-gwida ġenerali tal-awtorità edukattiva kompetenti fis-settur tal-edukazzjoni bikrija;

L-aġġornament mal-bidliet fil-kurrikulu tal-edukazzjoni bikrija, żviluppi u prattika tajba;

L-għajnuna biex jitmexxa `l quddiem l-iżvilupp ħolistiku tat-tifel/tifla permezz ta' ambjent stimulanti u pożittiv bl-użu ta' stateġiji informali ta' logħob kreattiv li jgħin it-tagħlim;

L-għajnuna fl-iżvilupp tal-lingwa, fiżiku, emozzjonali u spiritwali tat-tifel/tifla billi jiġu mfassla attivitajiet u esperjenzi impenjattivi imma li jistgħu jintlaħqu;

L-għajnuna biex jitwessa l-għerf dwar u l-għarfien tad-dinja ta' madwar it-tifel/tifla u l-ħila biex tiġi rrispettata d-diversità kulturali.

3.2 Ir-responsabbiltajiet ewlenin ta' persuna fil-ħatra ta' *Kindergarten Assistant* II fid-DSE jinkludu:

Colleges and schools within an established framework of decentralisation and autonomy.

1.3 The functions of the DES are established by the Education Act (CAP 327 of the Laws of Malta) which may be consulted on: (https://education.gov.mt/en/resources/Pages/Legislation.aspx).

2.0 Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Kindergarten Assistant II is Salary Scale 12, which in 2014 is €15,106.00 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €17,230.00.

2.2 A Kindergarten Assistant II will progress to Salary Scale 10 (€17,135.98 x €407.67 - €19,582.00) on completion of five (5) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.3 A Kindergarten Assistant II shall receive an all inclusive allowance of €300 per annum as stipulated in the agreement between the Government of Malta and the MUT signed on 23rd August 2010.

2.4 An appointee may also be required to perform duties in Gozo.

3.0 Duties

3.1 The overall purpose of the post of a Kindergarten Assistant II in the DES includes the following:

Educating children according to guidelines provided by the National Curriculum Framework under the overall guidance of the competent education authority in the early years sector;

Keeping up to date with changes in the early years curriculum, developments and best practice;

Facilitating the child's holistic development by creating a stimulating and positive environment conducive to learning using informal creative play strategies;

Assisting a child's language, physical, emotional and spiritual development by planning challenging but achievable experiences and activities;

Broadening the child's knowledge and understanding of the world around him/her and the ability to respect cultural diversity.

3.2 The main responsibilities of the post of a Kindergarten Assistant II include:

L-ippjanar, il-preparazzjoni u t-twettiq ta' attivitajiet edukattivi li jistimulaw, iħeġġu u jiżviluppaw il-ħiliet tat-tifel/tifla, l-atitudnijiet u valuri personali u soċjali, awtonomija u kurżità intellettwali li jirriflettu l-istudju fundamentali tal-iżvilupp tat-tfulija bikrija;

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' skemi ta' xogħol u pjani ta' attivitajiet li jikkorrispondu mar-rekwiżiti tal-istadju fundamentali tal-iżvilupp tat-tfulija bikrija;

Jadottaw u jaħdmu fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp tal-iskola partikolari fejn jintbagħtu jservu;

L-organizzazzjoni u l-iżvilupp tal-ambjent għat-tagħlim fis-settur tal-*kindergarten*, il-*visual aids* u r-riżorsi ta' tagħlim meħtieġa biex jitrawwem entużjażmu għat-tagħlim u tingħata l-għajnuna meħtieġa biex it-tfal jilħqu l-għanijiet kurrikulari fl-edukazzjoni bikrija;

It-twettiq ta' attivitajiet adattati għall-età ta' dawn it-tfal, li jippromovu l-litteriżmu permezz tal-arti espressiva kreattiva – il-mużika u r-rittmu, id-drama u l-arti;

Jinħolqu opportunitajiet għat-tfal biex jitħalltu ma' tfal tal-età tagħhom u adulti, li jkollhom kuntatt magħhom;

Għajnuna lit-tfal sabiex, skont l-età tagħhom, jiżviluppaw il-ħiliet fil-kontroll tal-moviment u kapaċitajiet fiżiċi biex isiru indipendenti;

Josservaw, jassessjaw u jżommu bil-miktub l-iżvilupp, il-progress u l-imġiba tat-tfal;

Issir superviżjoni u tingħata għajnuna waqt l-ikel, biex jilbsu u jinżgħu u jmorru t-*toilet*. (Huwa mifhum li t-tfal li jattendu l-*kindergarten* huma, b'mod ġenerali, kapaċi jmorru t-*toilet* qabel ma jibdew jattendu l-*kindergarten*);

Tingħata għajnuna u jkun hemm kollaborazzjoni mal-Kap tal-Iskola, l-Assistenti Kapijiet, *Kindergarten Assistants* (*KGA*) oħra, *Learning Support Assistants* u uffiċjali edukattivi fil-preparazzjoni u l-iżvilupp ta' sessjonijiet ta' logħob edukattiv fi gruppi, materjali edukattivi u programmi ta' xogħol;

Parteċipazzjoni f'taħriġ ieħor u żvilupp professjonali kontinwu bħala *KGA*, li jinkludi l-parteċipazzjoni f'korsijiet ta' taħriġ edukattivi *In-Service* kif indikat mid-DSE b'konsultazzjoni mal-*Union*;

Iż-żamma ta' miri għoljin ta' prattika u mġiba professjonali, kif ukoll ordni u dixxiplina qalb it-tfal, biex jiġu mħarsa dejjem u kullimkien is-saħħa u s-sigurtà tat-tfal taħt il-ħarsien ta' kull *KGA*;

Planning, preparing and carrying out educational activities which stimulate, foster and develop the child's abilities, personal and social attitudes and values, autonomy and intellectual curiosity in consonance with foundation stage childhood development;

Developing and implementing work schemes and activity plans in line with the requirements of this early childhood education foundation stage;

Adopting and working towards the implementation of the school development plan of the particular school they are giving service in;

Organising and developing the kindergarten learning environment, visual aids and teaching and learning resources so as to foster enthusiasm for learning and help children achieve early learning curriculum goals;

Carrying out age-appropriate activities to promote literacy through creativity, self-expressive arts - music and rhythm, drama and art;

Providing opportunities for pupils to socialise with peers and adults with whom they come in contact;

Enabling children to develop their gross motor control skills and physical capabilities so that they become independent according to their age;

Observing, assessing and recording the children's development, progress and behaviour;

Providing supervision and help during meals, dressing and undressing and toileting. (It is understood that children attending kindergarten should generally be toilet trained before they start attending school);

Advising and collaborating with the Head of School, Assistant Head, other Kindergarten Assistants (KGAs), Learning Support Assistants, and education officials in the preparation and development of educational playgroup sessions, educational materials and programmes of work;

Participating in further training and on-going professional development as KGA, including participation in In-Service education and training courses as directed by the DES in consultation with the Union;

Maintaining high standards of professional practice and behaviour as well as order and discipline among children under one's care thus safeguarding their health and safety at all times and locations;

Jiffaċilitaw il-proċess ta' tranżizzjoni effettiva minn ħarsien bikri għal *kindergarten* u minn *kindergarten* għas-settur primarju. Jiġi stabbilit kuntatt mal-ġenituri qabel ma' tifel/tifla jibda/tibda jattendi/tattendi l-*kindergarten* u, fejn meħtieġ, isiru żjarat f'ċentri għal tfal żgħar, bħal *nurseries* ta' matul il-jum, biex wieħed isir jaf aktar it-tifel/tifla. Għandu jsir kuntatt ukoll mal-għalliem/a tal-Ewwel Sena. Dokument ta' assessjar individwali huwa element importanti fil-proċess ta' tranżizzjoni minn sena għal oħra. F'każijiet ta' tfal b'diżabbiltà, il-*KGA* għandha tagħmel kuntatt mal-*early intervention teacher* biex tiżgura l-kontinwità fil-programm edukattiv li jkun imbeda;

Facilitating an effective transition process between child care and kindergarten, and between kindergarten and primary years. Establishing contact with parents prior to a child starting kindergarten and, where appropriate, visiting providers of pre-school care, such as day nurseries, so as to gain a better understanding of the child. Contact is also to be established with the Year 1 teacher. Individual assessment records shall constitute an important element of the transition process from one year to another. In cases of children with a disability, the KGA is to make contact with the early intervention teacher so as to ensure the continuity of the educational programme already initiated;

Peress li t-tfal fiċ-ċentri tal-*Kindergarten* ma jidħlux kollha fil-bidu tas-sena skolastika, *KGA*s li jkunu bla klassi jistgħu jingħataw doveri oħra ta' natura kurrikulari, pedagoġika u superviżjonali, u/jew żvilupp professjonali marbut ma' edukazzjoni bikrija u ħarsien f'dan is-settur sakemm jiġu assenjati grupp ta' tfal matul is-sena skolastika;

Given the staggered intake of children in kindergarten centres, KGAs shall be deployed on other school curricular, pedagogical and supervisory duties and/or professional development in relation to early childhood education and care until such time as they are assigned their group of children in the course of the scholastic year;

Parteċipazzjoni f'sessjonijiet ta' żvilupp professjonali li jsir fl-iskola u fis-sessjonijiet ta' *School Development Planning (SDP)*;

Participating in school-based staff development sessions and in School Development Planning (SDP) sessions;

Jistgħu jingħataw gruppi ta' tfal ta' etajiet differenti;

May be assigned groups of mixed ages;

Parteċipazzjoni f'sessjonijiet ta' *mentoring* immexxija mill-Kap tad-Dipartiment għall-Edukazzjoni Bikrija u/jew l-Assistent Kap u/jew mill-Kap tal-Iskola;

Participating in mentoring sessions led by the Head of Department for the Early Years and/or the Assistant Head and/or the Head of School;

Parteċipazzjoni fi proġetti tal-Unjoni Ewropea u proġetti oħra skont il-miri tal-Pjan ta' Żvilupp u kif miftiehem mat-tim professjonali tal-iskola;

Encouraging participation in EU projects and other projects in accordance with the SDP targets and as agreed with the Senior Management Team;

Taqdi dmirijiet oħra jew xogħol ieħor skont il-bżonnijiet kif mitlub mid-Direttur Ġeneral DSE;

Performing other duties or work as requested by the Director General DES;

Tagħmel kull xogħol ieħor skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif mitlub mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Performing any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.0 Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.0 Eligibility Requirements

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea (UE) li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to

ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'paragrafi (a), (b) jew (ċ) hawn fuq, skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet msemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'paragrafi (b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi konsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

(iii) fil-pussess ta', jew ikunu ġew approvati biex jingħataw, *Diploma* rikonoxxuta f'Livell 4 tal-MQF fl-*Early Childhood Education and Care*, li tkun tinkludi komponent ta' *Training Practice* (inkluż l-*Extended Training Programme* organizzat mid-Direttorati tal-Edukazzjoni b'kollaborazzjoni mal-MCAST), jew kwalifika xierqa rikonoxxuta komparabbli inklużi kwalifiki fl-Edukazzjoni *Pre-School* jew fil-*Pre-School Child Care 0-5 snin* f'Livell 4 tal-MQF;

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw *Service and Leave Record Form* riċenti (GP

employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) proficient in the Maltese and English Languages;

(iii) in possession, or have been approved for the award, of a recognised Diploma, at MQF level 4, in Early Childhood Education and Care that includes a component of Training Practice (including the Extended Training Programme organised by the Education Directorates in collaboration with MCAST), or a recognised appropriate comparable qualification including qualifications in pre-school education or pre-school childcare 0-5 years at MQF level 4;

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a recent Service and Leave Record Form (GP 47 https://education.gov.mt/

47 https://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/GP47.pdf); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel, u jagħtu d-dettalji).

4.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 4.1 hawn fuq, għandhom Livell Ordinarju (*O* Level Grad A-Ċ) u/jew *Secondary Education Certificate* (*SEC* Grad 1-5), jew ogħla, jew kwalifika komparabbli rikonoxxuta, fil-Malti, fil-lingwa Ingliża u fil-Matematika, u għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

4.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel f'paragrafu 8.1).

5.0 Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna tindika li għandha jridu jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree*/*Post-Graduate* jew kwalifiki rikonnoxxuti komparabbli għandhom ikollhom magħhom *transcript* bl-Ingliż (*Diploma*/*Certificate supplement*), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

6.0 Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi determinat min hu adatt għall-post.

7.0 Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47 -https://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/GP47.pdf) aġġornat fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, u sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*European Curriculum Vitae* jintlaqgħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana, VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ħamis, il-31 ta' Lulju, 2014. Applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi wkoll permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq

en/Documents/Vacancies/GP47.pdf); those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 4.1 above, are in possession of an Ordinary Level (O Level Grade A-C) and/or Secondary Education Certificate (SEC Grade 1-5), or higher, or a recognised comparable qualification, in Maltese, English Language and Mathematics and have proven relevant work experience.

4.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below in paragraph 8.1).

5.0 Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and/or experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Diploma/Degree/Post-Graduate certificates, or comparable qualifications, must be accompanied by a transcript in English (Diploma/Certificate supplement), showing the qualifications obtained and the final classification. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.0 Selection Procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

7.0 Submission of Applications

7.1 Applications, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47 - https://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/GP47.pdf) in the case of Public Officers, and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received in the first instance by the Customer Care Section, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000, or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Thursday, 31st July, 2014. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications. Further details

ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.0 Dispożizzjonijiet Ġenerali

8.1 Dispożizzjonijiet ġenerali dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati

jistgħu jiġu aċċessjati permezz tas-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana, VLT 2000. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* huwa + 356 2122 5630.

Il-11 ta' Lulju, 2014

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U XOGĦOL

It-Tieni Espressjoni ta' Interess għal Esperti Lokali fl-Iżvilupp tal-Kurrikulu biex Iwettqu l-Proċess tad-*Deliverables* Ewlenin tal-Proġett ESF 1.228

1.0 L-Għan ta' din it-Tieni Espressjoni ta' Interess

L-għan ta' din l-Espressjoni ta' Interess hu sabiex jiġu ingaġġati Esperti lokali fl-Iżvilupp tal-Kurrikulu rigward il-proġett kofinanzjat mill-UE, ESF 1.228, imsejjaħ 'Iddisinjar ta' *Learning Outcomes Framework (LOF),* Programmi assoċjati ta' Tagħlim u Assessjar u Taħriġ relatat'. Dan qiegħed preżentement jiġi implimentat mid-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DQSE) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE). Id-DQSE jqis li hu essenzjali li jinvolvi professjonisti edukattivi lokali f'din il-ħidma billi l-esperjenza tagħhom għandha rwol kruċjali ħalli l-imsieħba lokali jħossuhom parti minn dan il-

concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.0 General Provisions

8.1 General provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details

may be viewed by accessing the website of the Public Administration Human Resources Office at the address (http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) or may be obtained from Customer Care Section, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number is +356 2122 5630.

11th July, 2014

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Second Expression of Interest for Services for Local Curriculum Development Experts to Undertake the Process of the Key Deliverables of ESF Project 1.228

1.0 Aim of this Second Expression of Interest

The aim of this Second Expression of Interest is the engagement of local Curriculum Development Experts in relation to EU co-funded project ESF 1.228 'Design of Learning Outcomes Framework (LOF), associated Learning and Assessment Programmes and related Training'. This is currently being implemented by the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE) within the Ministry for Education and Employment (MEDE). The DQSE deems it essential to involve local educational professionals in this endeavour since their experience plays a pivotal role in the ownership of the project by local stakeholders, the validation,

proġett, fil-validazzjoni u f'ċerti każi, fil-proċess ta' żvilupp tad-*deliverables* kruċjali ta' dan il-proġett. Din hi t-Tieni Espressjoni ta' Interess fi ħdan il-Proġett ESF 1.228, biex tħajjar Esperti lokali fl-Iżvilupp tal-Kurrikulu biex jimtlew postijiet għal suġġetti/oqsma ta' tagħlim/oqsma transversali li għadhom ma mtlewx mill-ewwel Espressjoni ta' Interess.

2.0 L-Għanijiet tal-Proġett ESF 1.228

L-għan tal-Proġett ESF 1.228 huwa li joħloq *Learning Outcomes Framework* (LOF) li tinkludi l-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar assoċjati miegħu. Il-proġett għandu wkoll l-għan li jħarreġ lill-għadd ta' *trainers* sabiex isostnu t-twettiq tal-LOF fl-iskejjel. Dan għandu jwassal għal bidla konċettwali minn kurrikulu preskrittiv lejn qafas ibbażat fuq *learning outcomes* li jippermettu ċertu ammont ta' flessibbiltà interna u li jkabbru l-ġibda lejn it-tagħlim tul il-ħajja. Dan il-proġett għandu jiffaċilita ċ-ċaqliq minn suġġetti meqjusin għal rashom lejn oqsma tat-tagħlim li l-istudenti kollha għandhom dritt għalihom f'dak li għandu x'jaqsam mal-inklussività, iċ-ċittadinanza u l-impjegabbiltà.

3.0 L-Isfond

Dan il-proġett se jwassal biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (NCF), li huwa rekwiżit legali tal-edukazzjoni obbligatorja fl-iskejjel f'Malta, billi jiżviluppa l-LOF u l-programmi ta' Tagħlim u Assessjar fis-snin kollha mit-Tielet sal-Ħdax-il Sena. Huwa jindirizza l-iżvilupp ħolistiku tat-tfal kollha u jħeġġeġ edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd. Il-LOF jagħti lok għal flessibbiltà fil-programmi tat-Tagħlim sabiex jindirizzaw ħtiġiet speċifiċi u jkomplu jibnu fuq dak li hu tajjeb fil-kuntest tal-komunitajiet tat-tagħlim fi skejjel u kulleġġi differenti. Il-kunċett tal-flessibbiltà huwa promoss tul il-qafas kollu.

L-NCF jipprovdi viżjoni fit-tul għad-dritt ta' edukazzjoni tat-tfal kollha miż-żmien ta' qabel l-primarja u fl-edukazzjoni obbligatorja f'Malta u f'Għawdex b'perspettiva aktar wiesgħa għal tagħlim tul il-ħajja. Dan jindirizza l-vojt fil-proċessi tat-tagħlim tagħna li matul is-snin wasslu għal assenteiżmu, għal rati sinifikanti ta' tfal li jitilqu l-iskola kmieni u għal livell baxx ta' kompetenzi u ħiliet għal ammont ta' studenti. Dan isaħħaħ l-istrutturi li diġà jeżistu u li qed ibiddlu l-iskejjel f'ċentri ta' tagħlim iċċentrat fuq l-istudent fejn tagħlim attiv u li jagħmel aktar sens għall-istudenti jista' jseħħ. L-NCF huwa intenzjonat sabiex iwassal għal żieda fir-rata ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni post-sekondarja u dik terzjarja, u jattira aktar studenti għal tagħlim tul il-ħajja, jinkoraġġihom sabiex jidħlu għal studji ta' livell ogħla li jwassal għall-kwalifiki formali ġodda u aħjar.

of and in some cases, the co-development process of the key deliverables of this project. This is the Second Expression of Interest within this ESF 1.228 Project, to attract Local Curriculum Development Experts to fill positions for subjects/learning areas/cross-curricular themes which are not yet filled through the First Expression of Interest.

2.0 Aims of the ESF Project 1.228

The aim of the ESF Project 1.228 is to design a Learning Outcomes Framework (LOF), including the Learning and Assessment Programmes associated with it. The project also aims to train a number of trainers who will support the implementation of the LOF in schools. This will help in achieving a paradigm shift away from a prescriptive curriculum towards a framework based on learning outcomes which allows for internal flexibility and attractiveness to lifelong learning. It will also facilitate a move away from stand-alone subjects to learning areas that form the entitlement for all learners towards inclusivity, citizenship and employability.

3.0 Background

This project will enable the fulfilment of the National Curriculum Framework (NCF), which is a legal requirement for all compulsory education schools in Malta, by developing the Learning Outcomes Framework and Learning and Assessment Programmes of the different year groups from Years 3 to 11. It addresses the holistic development of all learners and advocates a quality education for all. The Learning Outcomes Framework will allow for flexibility in teaching and learning programmes in order to address specific needs and to build upon strengths within the context of the learning communities in different Colleges and Schools. The concept of flexibility is promoted throughout the entire framework.

The NCF provides a long-term vision for the educational entitlement of all learners in pre-school and compulsory education in Malta and Gozo within a wider lifelong learning perspective. It addresses the gaps in our learning processes that over the years have led to absenteeism, to significant rates of early school leavers and to low skills and competences for a proportion of students. It strengthens the already existing structures that are transforming schools into learner-centred education centres where active and meaningful learning can take place. It is intended to lead to an increased participation rate in post-secondary and tertiary education and attract more students to lifelong learning, encouraging them to embark on further and higher education streams leading to new and better formal qualifications

Dan huwa l-ewwel qafas tal-kurrikulu li se jiġi adottat minn meta Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea (UE) fl-2004, u għalhekk kienu kkunsidrati wkoll dokumenti importanti ta' politika maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn jinkludu *'Key Competences for Lifelong Learning — A European Reference Framework'* (inkluż fl-anness tar-Rakkomandazzjonijiet (2006/962/EC); l-i*Strategic Framework for European Cooperation in Education and Training (ET 2020)* (2009) u *Europe 2020 – A strategy for smart sustainable and inclusive growth* (COM (2010) 2020) li jsegwi mil-*Lisbon Strategy for Growth and Jobs* (Memo 06/478/12th Dec 2006).

Fl-isfond tal-iżvilupp storiku tagħna, u fuq il-bażi tal-kurrikulu u dokumentazzjoni tal-UE, l-NCF ifittex li jipprovdi direzzjoni strateġika billi jirrazzjonalizza t-tibdil neċessarju u l-implikazzjoni tagħhom fil-kontenut tal-qasam/suġġett, pedagoġiji u assessjar. L-NCF huwa ppreżentat f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja u jiċċelebra d-diversità billi jieħu ħsieb l-edukazzjoni tat-tfal f'kull stadju tal-edukazzjoni tagħhom. Huwa jittratta l-edukazzjoni bikrija, kemm dik primarja kif ukoll dik sekondarja bl-istess importanza. L-NCF ifittex li jippreżenta kurrikulu bla skossi li jirrifletti tranżizzjonijiet bla xkiel, li jibni u jestendi fuq pedamenti sodi fl-edukazzjoni bikrija. Fil-qosor, l-NCF għandu l-mira li jipprovdi edukazzjoni ta' kwalità għat-tfal kollha, inaqqas il-persentaġġ ta' tfal li jitilqu mill-iskola kmieni u jsaħħaħ id-dħul tagħhom fl-edukazzjoni post sekondarja u ogħla.

4.0 Il-*Learning Outcomes Framework*

Bis-saħħa ta' dan il-LOF li se jiġi żviluppat bħala riżultat ta' dan il-proġett, minflok ma jkun hemm kurrikulu preskrittiv ibbażat fuq il-kontenut, għall-ewwel darba f'Malta se jkunu qed jiżviluppaw modi ta' tagħlim ibbażati fuq *learning outcomes* li se jħallu impatt fuq il-programmi kollha fl-iskejjel, fuq l-eżamijiet esterni kollha, u kull assessjar fl-aħħar tal-edukazzjoni obbligatorja.

L-NCF iqis l-ewwel sentejn tal-iskola primarja bħala kontinwazzjoni tal-perjodu ta' sentejn tal-Kindergarten, li flimkien huma kunsidrati bħala s-Snin Bikrin. Ma hu previst l-ebda qasam ta' tagħlim speċifiku fis-Snin Bikrin minħabba li l-enfasi f'dawn is-snin hija fuq l-iżvilupp tal-ħiliet u d-dispożizzjoni pożittiva lejn it-tagħlim li jkun żviluppat u estiż fis-snin ta' wara.

Għalhekk il-proġett tal-LOF se jiffoka fuq is-snin ta' bejn it-Tielet u s-Sitt Sena (iċ-Ċiklu taż-Żgħar), is-Seba' u t-Tmien Sena (iċ-Ċiklu Medju) u s-snin mid-Disa' sal-Ħdax-il Sena (iċ-Ċiklu Sekondarju). L-NCF għas-snin bejn it-Tielet u l-Ħdax-il Sena jpoġġi t-tagħlim fi tmien oqsma ta' tagħlim

This is the first curriculum framework to be adopted since Malta joined the EU in 2004 and hence it has taken into consideration important policy-related documents issued by the European Commission. These include the *'Key Competences for Lifelong Learning — A European Reference Framework'* (included in the annex of the Recommendation) (2006/962/EC); the *Strategic Framework for European Cooperation in Education and Training (ET 2020)* (2009) and *Europe 2020 – A strategy for smart sustainable and inclusive growth* (COM (2010) 2020) which is the follow up to the *Lisbon Strategy for Growth and Jobs* (Memo 06/478/12th Dec 2006).

Against the background of our historical development, and on the basis of the curriculum and EU documentation, the NCF seeks to provide strategic direction by rationalising the necessary changes and their implications for area/subject content, pedagogies and assessment. The NCF is presented within a lifelong learning perspective and celebrates diversity by catering for all learners at each stage of their education. It treats early childhood, primary and secondary education with the same importance. The NCF seeks to present a seamless curriculum which reflects smooth transitions, building and extending on the firm foundations in early childhood education. In essence, the NCF aims at providing a quality education for all learners, reducing the percentage of early school leavers and strengthening their enrolment in further and higher education.

4.0 The Learning Outcomes Framework

By means of this Learning Outcomes Framework that will be developed as a result of this project, instead of having a prescriptive content-based curriculum, we will for the first time develop a learning outcomes approach that will impact on all programmes in schools and on all external examinations and assessment at the end of compulsory education in Malta.

The NCF regards the first two years of primary schooling as a continuation of the two-year Kindergarten period, which are together considered the Early Years. No discrete learning areas are envisaged for the Early Years, since the emphasis in these years is on the development of skills and positive dispositions towards learning which will be developed and extended in later years.

Thus this LOF project will focus on Years 3 to 6 (the Junior Cycle) Years 7 and 8 (the Middle Cycle) and Years 9 to 11 (the Secondary Cycle). The NCF for Years 3 to 11 packages learning in eight learning areas and six cross-curricular themes which form the entitlement of learners in

u sitt temi interkurrikulari li jiffurmaw d-dritt tat-tfal f'dawn is-snin tal-edukazzjoni obbligatorja f'Malta. L-oqsma ta' tagħlim jipprovdu dak il-għerf, ħiliet u attitudnijiet essenzjali li t-tfal huma mistennija jiżviluppaw.

L-Oqsma ta' Tagħlim huma:

Il-Lingwi (il-Malti u l-Ingliż; il-Lingwi Barranin);
Il-Matematika;
Ix-Xjenza u t-Teknoloġija;
Is-Saħħa u l-Edukazzjoni Fiżika;
Ir-Reliġjon u l-Edukazzjoni Etika;
L-Edukazzjoni għad-Demokrazija;
L-istudji Umanistiċi;
L-Arti Viżiva u l-Arti tal-Ispettaklu.
L-Oqsma ġeneriċi huma:
Il-Litteriżmu;
It-Tagħlim Diġitali;
It-Tagħlim ta' kif Titgħallem u t-Tagħlim Kooperattiv;
L-Edukazzjoni għal Żvilupp Sostenibbli;
L-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni;
L-Edukazzjoni għad-Diversità.

Dawn huma meqjusa bħala partijiet essenzjali għal edukazzjoni ħolistika u huma mfassla sabiex jiddaħħlu fl-oqsma differenti ta' tagħlim u biex jipprovdu konnessjoni bejn l-oqsma ta' tagħlim. Aktar informazzjoni tinstab fuq is-sit (http://curriculum.gov.mt/en/Resources/The-NCF/Pages/default.aspx (pp. 33 – 39).

L-NCF diġà jindika l-*learning outcomes* ġenerali taċ-ċikli differenti. Il-LOF għad irid jispeċifikahom f'aktar dettall għal kull qasam ta' tagħlim u tema interkurrikulari matul iċ-ċikli taż-Żgħar, Medju u Sekondarju.

Sabiex jiżgura li l-LOF iwassal għal żvilupp tat-tagħlim kif adottat mill-NCF, il-LOF għandu jiġi żviluppat skont għaxar *outcome levels,* ibbażati fuq l-għaxar livelli ta' kisbiet li fil-bidu ġew introdotti fid-*draft* tal-NCF tal-2011, u li ġew implimentati fil-programmi ta' tagħlim u assessjar tal-Form 1 u 2 tal-iskejjel tal-Istat. Fil-kuntest ta' tagħlim differenzjat, tfal differenti fl-istess klassi jibdew jimxu 'l quddiem progressivament b'diversi modi permezz ta' dawn l-*outcome levels,* u t-tagħlim irid jieħu ħsieb din id-diversità It-tabella ta' hawn taħt tagħti indikazzjoni tal-*outcome levels* ġenerali li huma mistennija fis-Snin differenti. Din għandha tintuża biss b'mod approssimattiv – l-edukaturi jafu li xi tfal se jkunu aktar 'l isfel jew aktar 'il fuq mil-livell mistenni, li jfisser li jista' jkollhom bżonn aktar ħin u/jew modi differenti ta' tagħlim biex imorru 'l quddiem fil-livelli ta' kisbiet.

these Years of compulsory education in Malta. The learning areas provide the essential knowledge, skills and attitudes which learners are expected to develop.

The learning areas are:

Languages (Maltese and English; Foreign Languages);
Mathematics;
Science and Technology;
Health and Physical Education;
Religious and Ethics Education;
Education for Democracy;
Humanities;
Visual and Performing Arts.
The cross-curricular themes are:
Literacy;
Digital Learning;
Learning to Learn and Co-operative Learning;
Education for Sustainable Development;
Education for Entrepreneurship, Creativity and Innovation;

Education for Diversity.

These are considered essential components for a holistic education and they are meant to be embedded in the different learning areas and to provide connecting strands across the learning areas. More information is available at (http://curriculum.gov.mt/en/Resources/The-NCF/Pages/default.aspx (pp. 33 – 39).

The NCF already indicates the general learning outcomes of the different cycles. The LOF will need to specify these further for each learning area and cross curricular theme across the junior, middle and secondary school cycles.

To ensure that the LOF leads to developmental learning as espoused by the NCF, the LOF shall be developed according to ten outcome levels, based on the ten levels of attainment that were first introduced in the draft NCF of 2011, and implemented in the state school learning and assessment programmes of Forms 1 and 2. In a differentiated learning context, different learners in the same classroom will naturally be progressing in different ways through these outcome levels, and the teaching and learning will need to cater for this diversity. The table below gives an indication of the generally expected outcome levels compared to the different Years. This should be used only as a rule of thumb – educators know that by definition some learners will be below or above the expected level, meaning that they might need more time and/or different learning routes to progress through the levels of attainment.

Outcome Level	**Sena**	**Ċiklu Skolastiku**
1	Bżonnijiet Edukattivi Speċjali	Bżonnijiet Edukattivi Speċjali
2		
3		
4	1, 2	Is-Snin Bikrin
5	3, 4	Is-Snin taż-Żgħar
6	5, 6	
7	7, 8 (Forms 1, 2)	Is-Snin Medji
8	9, 10 (Forms 3, 4)	Is-Snin Sekondarji
9	11 (Form 5)	
10	Tfal intelliġenti ħafna u li għandhom talenti	

Outcome Level	**Year**	**School Cycle**
1	Special Educational Needs	Special Educational Needs
2		
3		
4	1, 2	Early Years
5	3, 4	Junior Years
6	5, 6	
7	7, 8 (Forms 1,2)	Middle Years
8	9, 10 (Forms 3,4)	Secondary Years
9	11 (Form 5)	
10	Gifted and talented learners	

L-eżamijiet u l-assessjar esterni nazzjonali li jsiru fl-aħħar tal-edukazzjoni obbligatorja jridu jirriflettu r-razzjonal tal-NCF u l-LOF li se jkunu bbażati fuq pedagoġija fejn it-tagħlim ikun iċċentrat fuq l-istudent, ibbażat fuq l-istħarriġ, integrat ma' temi interkurrikulari u appoġġat b'approċċ ibbażat fuq l-*e-learning*. L-eżamijiet u l-assessjar esterni nazzjonali għandhom jiġu marbuta mal-livelli 1, 2 u 3 tal-MQF u jiġu ggwidati mil-LOF tal-oqsma ta' tagħlim u mill-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar fuq livell ta' suġġett.

5.0 Il-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar

Ladarba l-LOF jiġi żviluppat, it-tieni parti tal-proġett tinvolvi l-iżvilupp tal-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar għal kull suġġett u għal kull sena mit-Tielet sal-Ħdax-il Sena.

Il-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar se jkollhom dawn it-tliet komponenti għal kull livell ta' kisbiet kif japplika għal kull suġġett:

Għarfien, ħiliet u attitudnijiet;

Indikazzjonijiet dwar kif xi whud jew kull tema mis-sitt temi interkurrikulari trid tiġi indirizzata permezz ta' kisbiet fl-għarfien, ħiliet u/jew attitudnijiet;

Kriterji ta' assessjar iddettaljati u li jistgħu jitkejlu b'mod li jidher fejn jintużaw dikjarazzjonijiet bħal "Jien nista'" jew simili.

Ftehim fuq il-format, il-kontenut u l-proċeduri jiġi diskuss meta jibda l-proġett.

Il-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar se jiġu żviluppati għas-suġġetti li ġejjin. It-temi interkurrikulari se jkunu mdaħħla fit-tagħlim *subject-based* u l-Programmi ta' Assessjar.

The national external examinations and assessments at the end of compulsory education are to reflect the rationale of the NCF and the LOF which will be based on a pedagogy that is student-centred, inquiry-based, integrated with the cross-curricular themes, and supported by an e-Learning based approach. The national external examinations and assessments are to be pegged to the MQF levels 1, 2 and 3, and will be guided by the LOF of the learning areas and the Learning and Assessment Programmes at subject level.

5.0 The Learning and Assessment Programmes

Once the LOF is developed, the second part of the project constitutes the development of Learning and Assessment Programmes for each subject for each year from Years 3 to 11.

The Learning and Assessment Programmes shall have the following three components, per level of attainment as applicable for each subject:

Knowledge, skills and attitudes;

Indications how some or all of the six cross-curricular themes would be addressed through the knowledge, skills and/or attitude learning outcomes;

Detailed and measurable/demonstrable assessment criteria using 'I can' statements or similar formats.

Agreement on format, content and procedure will be discussed at the start of the project.

The Learning and Assessment Programmes shall be developed for the following subjects. The cross-curricular themes will be embedded in the subject-based Learning and Assessment Programmes.

Suġġetti f' Kategorija A	**Suġġetti f'Kategorija B**	**Suġġetti f'Kategorija Ċ**	**Oqsma ta' Tagħlim**	**Temi Transversali**
Snin 3 sa 11 (9 snin)	**Snin 7 sa 11 (5 snin)**	**Snin 9 sa 11 (3 snin)**	**Snin 3 sa 11 (9 snin)**	**Snin 3 sa 11 (9 snin)**
Category A Subjects	***Category B Subjects***	***Category C Subjects***	***Learning Areas***	***Cross-Curricular (Transversal) Themes***
Yrs 3 to 11 (9 yrs)	***Yrs 7 to 11 (5 yrs)***	***Yrs 9 to 11 (3 yrs)***	***Yrs 3 to 11 (9 yrs)***	***Yrs 3 to 11 (9 yrs)***
Il-Matematika	Graph. Comm.	Il-*Computing*	Il-Lingwi	Il-Litteriżmu
Mathematics	*Graph. Comm.*	*Computing*	*Languages*	*Literacy*
L-Ingliż	Disinn u Teknoloġija	Ix-Xjenzi tal-Ħajja	Il-Matematika	Kreattività u l-Intraprenditorija
English	*Design & Technology*	*Life Sciences*	*Mathematics*	*Creativity and Entrepreneurship*
Il-Malti	Il-Franċiż	Ix-Xjenza tal-Materjali	Ix-Xjenza u t-Teknoloġija	It-Tagħlim Diġitali
Maltese	*French*	*Materials Science*	*Science and Technology*	*Digital Literacy*
L-Istudji Soċjali	It-Taljan	Ix-Xjenzi tal-Fiżika	Is-Saħħa u l-Edukazzjoni Fiżika	L-Edukazzjoni għad-Diversità
Social Studies	*Italian*	*Physical Sciences*	*Health and Physical Education*	*Diversity*
Ix-Xjenza (mis-7 Sena dan isir Xjenza *Core*)	Il-Ġermaniż	L-*Accounts*	Ir-Reliġjon u l-Edukazzjoni tal-Etika	Titgħallem kif Titgħallem
Science(as from Yr 7 this becomes Core Science)	*German*	*Accounts*	*Religious and Ethics Education*	*Learning to Learn*
L-Iżvilupp Personali, Soċjali u tal-Karriera	L-Għarbi	L-Istudji Ambjentali	L-Edukazzjoni għad-Demokrazija	L-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli
Personal, Social and Career Development	*Arabic*	*Environmental Studies*	*Education for Democracy*	*Education for Sustainable Development (ESD)*
Ir-Reliġjon	L-Ispanjol	L-Istudji Ewropej	L-Istudji Umanistiċi	
Religion	*Spanish*	*European Studies*	*Humanities*	
L-Etika	Ir-Russu	Tessuti u Disinn	L-Arti Viżiva u l-Arti tal-Ispettaklu	
Ethics	*Russian*	*Textiles and Design*	*Visual and Performing Arts*	

Id-Drama	Iċ-Ċiniż	L-Istudji tal-*Business*
Drama	*Chinese*	*Business Studies*
Il-Mużika	Il-Latin	*Economics*
Music	*Latin*	*Economics*
L-Arti	Il-Grieg	L-Arti tal-Ispettaklu
Art	*Greek*	*Performing Arts*
PE u Sport	L-Istorja	Il-Letteratura Ingliża
	Il-Ġeografija	*Health & Social Care**
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:
L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali

Rural Development Programme for Malta 2007 – 2013
Axis 3 – Improving the Quality of Life in Rural Areas
This tender is being considered for European Union part-financing
Co-financing Rate: 75% European Union, 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe Investing in Rural Areas

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1095

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-12 ta' Ġunju, 2014, u dan wara Rikors b'Numru 66/2014, Ordnat:

Il-korrezzjoni fl-Att ta' Twelid ta' Zarkareia Alkhatib, li jġib in-numru 5249 tas-sena 2013, billi fil-kolonni intestati 'Twelid - Lok' biex flok l-isem 'Araka', għandu jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem "Alrekka', u fil-kolonna intestata: 'isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa' il-kelma 'Zarkareia' tiġi kkanċellata u minflokha tidhol il-kelma 'Zakaria'.

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, illum il-Ħamis, 12 ta' Ġunju, 2014.

MARY JOSETTE MUSÙ
Għar-Reġistratur Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 12th June, 2014, and this after a written plea Numbered 66/2014, Ordered:

The correction of the Act of Birth of Zarkareia Alkhatib, bearing number 5249 of the year 2013, under the columns entitled 'Birth - Place', the name 'Araka', is to be cancelled and substituted with the name 'Alrekka', while under the columns 'Name or names by which the child is ot be called' the name 'Zarkareia' is to be cancelled and substituted with the name 'Zakaria'.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts, today Thursday 12th June, 2014.

MARY JOSETTE MUSÙ
For the Registrar Court of Revision of Notarial Acts

1096

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fis-17 ta' Ġunju, 2014 fuq rikors ta' Brettfeld Milos et, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 11 ta' Settembru, 2014 fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.), għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir fl-ewwel sular fil-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

It-terran elevat bin-numru mija u tlieta (103), bl-isem 'Raymohan Nivas', fi Triq il-Għajn, Swieqi, fil-limiti ta' San Ġiljan, liema terran huwa sovrappost għal żewġ garaxxijiet u sottopost għal maisonette proprjetà ta' terzi. Din il-proprjetà hija libera u franka.

Il-valur tal-proprjetà huwa ta mija u disgħin elf Ewro (€190,000).

Il-mezzanin semi detached, bl-isem 'Shivam', fi Triq ir-Russett, Kappara, limiti ta' San Ġwann. Il-fond huwa sovrappost għal żewġ garaxxijiet fil-pjan tat-triq u sottopost għal maisonette proprjetà ta' terzi. Wieħed mill-garaxxijiet sottoposti huwa nkluż mal-istess fond. Din il-proprjetà hija soġġetta għal ċens annwu u perpetwu ta' ħamsa u għoxrin liri maltin (Lm25), ekwivalenti għal tmienja u ħamsin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€58.25).

Il-valur tal-proprjetà huwa ta' tlett mija u ħamsa u sebgħin elf Ewro (€375,000).

L-appartament numru wieħed (1), kantuniera, formanti parti minn blokka 'Graceland Court', f'Locker Street, kantuniera ma Thornton Street, Qui-Si-Sana, Sliema. Il-fond jifforma parti mill-imsemmija blokka li tikkonsisti f'sitt appartamenti, penthouse, uffiċċju u żewġ garaxxijiet. Din il-proprjetà hija soġġetta għal subċens annwu u temporanju ta' ħamsin liri maltin (Lm50), ekwivalenti għal mija u sittax-il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€116.50). Dan iċ-ċens temporanju jiskadi fis-sena 2085.

Il-valur tal-proprjetà huwa ta' mitejn elf Ewro (€200,000).

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' Bharwani Mohan.

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta 54/13.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 3 ta' Lulju, 2014.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the 17th June, 2014 on the application of Brettfeld Milos et, Thursday, 11th September, 2014 at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction to be held on the first floor, Courts of Justice, Republic Street, Valletta, of the following property:

The elevated ground floor numbered one hundred and three (103), named 'Raymohan Nivas', in Triq il-Għajn, Swieqi, limits of St Julians, which property overlies two garages and underlying a maisonette property of a third party. This property is free and unencumbered.

The value of this property is of one hundred and ninety thousand Euro (€190,000).

The maisonette semi detached, named 'Shivam', in Triq ir-Russett, Kappara, limits of San Ġwann. The property is overlying two garages at street level and a maisonette property of third party. One of the garages underlying is included with the property. This property has an annual and perpetual groundrent of twenty-five maltese liri (Lm25), equivalent to fifty-eight Euro and twenty-five euro cents (€58.25).

The value of this property is of three hundred and seventy-five thousand Euro (€375,000).

The apartment numbered one (1) cornered, forming part of the block named Graceland Court, in Locker Street, corner with Thornton Street, Qui-Si-Sana, Sliema. The tenement forms part of the mentioned block which consists of six apartments, penthouse, office and two garages. This property is subject to an annual and temporary groundrent of fifty maltese liri (Lm50), equivalent to one hundred and sixteen Euro and fifty euro cents (€116.50). This temporary groundrent expires in the year 2085.

The value of this property is of two hundred thousand Euro (€200,000).

The said tenements are the property of Bharwani Mohan.

N.B. The said tenements will be sold as described in the acts of the file number 54/13.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 3rd July, 2014.

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1097

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-26 ta' Ġunju, 2014 fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 448/14 JPG, fl-ismijiet Miriam Debono vs Carmel Debono, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Miriam Debono u Carmel Debono a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

By means of a decree given by the First Hall Civil Court, on the 26th June, 2014 in the records of the Sworn Application number 448/14 JPG, in the names Miriam Debono vs Carmel Debono, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents Miriam Debono and Carmel Debono in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 5708/96 CX fl-ismijiet Miriam Debono vs Carmel Debono, fl-20 ta' Mejju, 2014 ir-rikorrenti Lourdes Magro (KI 83756M) esponiet bir-rispett:

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the records of the Warrant of Seizure Number 5708/96 CX in the names Miriam Debono vs Carmel Debono, on the 20th May, 2014 the applicant Lourdes Magro (ID 83756M) respectfully pleaded:

Illi l-esponenti hija proprjetarja ta' vettura tat-tip Vauxhall Nova Saloon bin-numru ta' reġistrazzjoni CAQ 815 ġa F 6547, u dan kif jirriżulta mill-kopja tal-log book hawn annessa u markata Dok 'A'.

That the applicant is the owner of the vehicle of the type Vauxhall Nova Saloon with registration number CAQ 815 previously F 6547, and this as results from a copy of the log book hereby annexed and marked Doc 'A'.

Illi reċentement hija ħtiġilha li tbiegħ u tittrasferixxi l-vettura tagħha sovra indikata iżda meta marret sabiex taffettwa t-transfer relattiv ġiet informata illi hija ma setgħetx tagħmel dan stante illi kif jirriżulta mill-istess Dok 'A' il-vettura proprjetà tagħha kienet is-soġġett ta' Mandat ta' Qbid.

That recently she needed to sell and transfer her vehicle above indicated but when she went to effect the relative transfer she was informed that she could not do this because as results from the same Dok 'A' the vehicle her property was the object of a Warrant of Seizure.

Illi minn riċerka li effetwat l-esponenti, rriżulta li ċerta Miriam Debono permezz tar-rikors numru 5708/96 CX kienet talbet sabiex jinħareġ Mandat ta' Qbid kontra Carmel Debono fuq il-vettura tat-tip Renault Clio numru ta' reġistrazzjoni F 6547, u dan kif jirriżulta mill-kopja tal-Mandat hawn anness u markat Dok 'B'.

That from a search which the applicant carried out, it resulted that a certain Miriam Debono by means of application number 5708/96 CX had asked so that a Warrant of Seizure against Carmel Debono be issued on the vehicle of the type Renault Clio registration number F 6547, and this as results from a copy of the Warrant hereby attached and marked Doc 'B'.

Illi jiġi osservat illi hemm dubju raġjonevoli kemm l-aħħar digit indikat huwa n-numru sebgħa (7) u wisq probabbli huwa aktar zero (0), u di più l-vettura li kienet fil-mira tal-mandat kellha tkun tal-marka Renault Clio u mhux Vauxhall Nova.

That it is observed that there is a reasonable doubt as to whether the last digit indicated is number seven (7) and more probably it is probably zero (0), and furthermore the vehicle which was the object of the warrant was of the type Renault Clio and not Vauxhall Nova.

Illi wkoll l-esponenti qatt ma kienet parti f'dawn il-proċeduri u qatt ma kellha xi proċedura kontra tagħha sabiex hija tagħmel tajjeb għal xi manteniment.

That the applicant was never a part in these procedures and never had any procedure against her to secure maintenance.

Illi jsegwi li l-mandat esegwit fuq il-vettura tal-esponenti huwa l-konsegwenza ta' żball.

That it follows that the warrant executed on the vehicle of the applicant is the consequence of a mistake.

Illi dan il-mandat fil-konfront tal-esponenti qiegħed jikkaġunalha preġudizzju u danni li huma inġenti.

That this warrant in regard to the applicant is causing prejudice and the damages are huge.

Għaldaqstant, l-esponenti filwaqt li jġibu l-fuq espost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jitolbuha bir-

Thus the applicant whilst bringing the above to the formal notice of this Honourable Court prays with respect: (a) in

rispett sabiex: (a) in vista tal-provi esposti tiddikjara illi l-esponenti hija estranea għal kull litigazzjoni in segwitu għal proċeduri 'Miriam Debono vs Carmel Debono' sovra ċitati; (b) ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tirrevoka u tħassar contrario imperio dik il-parti tad-digriet tal-25 ta' Novembru, 1996 li permezz tagħha akkordat it-talba in kwantu l-ħruġ tal-Mandat ta' qbid fuq il-vettura F 6547; u (c) tordna liċ-Chairman Awtorità ta' Malta Għat-Trasport sabiex jaffettwa dik il-korrezzjoni neċessarja u opportuna fil-log book tal-vettura tal-esponenti bin-numru ta' reġistrazzjoni CAQ 815 ġa F 6547 sabiex hekk titneħħa l-kelma 'Mandat', stante li l-esponenti li hija estranea għal dawn il-proċeduri, u dan taħt dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa u opportuni.

Qorti Ċivili Prim'Awla

Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima LLD LLM (IMLI)

Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 5708/96 CX fl-ismijiet Miriam Debono vs Carmel Debono.

Illum 23 ta' Mejju, 2014.

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Lourdes Magro ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ppreżentat fil-21 ta' Mejju, 2014.

Tordna notifika ta' dan id-digriet u rikors lill-Awtorità Għat-Trasport f'Malta li jkollu sebat ijiem (7) żmien għar-risposta.

Tappunta rikors għas-smigħ għat-Tnejn, 9 ta' Ġunju, 2014 u tissejjaħ fid-9.30 a.m.

Tordna notifika ta' dan ir-rikors u dan id-digriet lil Awtorità Għat-Trasport f'Malta u lil Lourdes Magro.

Notifika: Miriam Debono, 53/1 Manoel Street, Gżira.

Carmel Debono, 32, Gunlayer Street, Floriana.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Miriam Debono vs Carmel Debono, rikors numru 448/14 JPG, jinsab differit għas-smigħ għall-14 ta' Lulju, 2014 fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Lulju, 2014.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

view of the proof declare that the applicant is extraneous to all litigation following the procedures 'Miriam Debono vs Carmel Debono' above mentioned; (b) in terms of Article 281 of Cap. 12 revoke and cancel contrario imperio that part of the decree of the 25th November, 1996 in virtue of which it upheld the demand for the issuing of the Warrant of Seizure on the vehicle F 6547; and (c) order the Chairman Malta Transport Authority to carry out the necessary and opportune correction in the log book of the vehicle of the applicant with registraton number CAQ 815 previously F 6547 in order that the word 'Mandat', be removed since the applicant is extraneous to these procedures and under those directives it deems fit and opportune.

Civil Court First Hall

Hon. Madam Justice Jacqueline Padovani Grima LLD LLM (IMLI)

In the records of the Warrant of Seizure number 5708/96 CX in the names Miriam Debono vs Carmel Debono.

Today 23rd May, 2014.

The Court

Having seen the application of Lourdes Magro in terms of Article 281 of the Code of Organisation and Civil Procedure filed on the 21st May, 2014.

Orders that this decree and application be notified to the Malta Transport Authority which shall have seven (7) days to file a reply.

Appoints the application for hearing on Monday 9th June, 2014 and to be called at 9.30 a.m.

Orders that this application and decree be notified to the Malta Transport Authority and to Lourdes Magro.

Notify: Miriam Debono, 53/1, Manoel Street, Gżira.

Carmel Debono, 32, Gunlayer Street, Floriana.

The Sworn Application in the names Miriam Debono vs Carmel Debono, application number 448/14 JPG, has been deferred for hearing to the 14th July, 2014 at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 9th July, 2014.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1098

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fil-21 ta' Mejju, 2014 fuq rikors ta' Bartolo Catherine, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 4 ta' Settembru, 2014 fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.), għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Flat 4, Arizona Court, Triq Santa Aristarkus, San Pawl il-Baħar, l-offerti għandhom jibdew minn mija u disgħa u erbgħin elf, erba' mija u tmenin Ewro (€149,480), flimkien mal-mobbli.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Bartolo Joseph (KI 312271M) u Bartolo Catherine (KI 258575M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru, 2011 u fl-atti tas-subbasta numru 97/12.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 4 ta' Lulju, 2014.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the 21st May, 2014 on the application of Bartolo Catherine, Thursday, 4th September, 2014 at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction to be held in the first floor of these Courts of Justice, Republic Street, Valletta, of the following property:

Flat 4, Arizona Court, Triq Santa Aristarkus, St Paul's Bay, offers should begin from one hundred and forty-nine thousand, four hundred and eighty Euro (€149,480), together with the moveables.

The said tenement is the property of Bartolo Joseph (ID 312271M) and Bartolo Catherine (ID 258575M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the judgement given on 30th September, 2011 and in the file number 97/12.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 4th July, 2014.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1099

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, fl-20 ta' Ġunju, 2014, Rikors numru 567/2014 mill-Perit Matthew Grech u Jonathan Grech, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwoti ndaqs bejniethom is-Suċċessjoni ta' ommhom Jennifer Grech, armla minn Brian Grech, bint il-mejtin Eustace Vella Tomlin u Lucy Vella Tomlin née Mangion, imwielda Floriana, kienet residenti Sliema, fejn mietet fl-14 ta' Marzu, 2014 ta' 59 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0422854(L), u li mietet bla testment.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, illum 4 ta' Lulju, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 20th June, 2014, Application number 567/2014 by Architect Matthew Grech and Jonathan Grech, whereby they prayed that it be declared open in their favour in equal shares between them the Succession of their mother Jennifer Grech, widow of Brian Grech, daughter of the late Eustace Vella Tomlin and Lucy Vella Tomlin née Mangion, born in Floriana, resided in Sliema, where she died on the 14th March, 2014 aged 59, holding identity card number 0422854(L) intestate.

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court, and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section, today 4th July, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1100

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fid-29 ta' Mejju, 2014 fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 749/14, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Middlesea Insurance plc et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Tony Cutajar a tenur tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), lil Middlesea Insurance plc (polza konkluża tramite Melita Unipol Insurance Agency Limited), Travel Experience Limited, u Tony Cutajar, ta' Flat 1, Exelsior, Triq l-Imrabat, San Ġiljan, fil-25 ta' Marzu, 2014 Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) bħala aġenti tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited, ta' La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, u Marvic Formosa (KI 264486M), ta' 48, Triq L Casolani, Birkirkara, filwaqt illi jagħmlu referenza għall-ittra uffiċjali tagħkom Middlesea Insurance plc u Travel Experience Limited, tat-13 ta' Marzu, 2014 jirrespinġu bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet hemm kontenuti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u jiddiffidawkom milli tistitwixxu proċeduri inutili fil-konfront tagħhom in konnessjoni mal-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-3 ta' Ġunju, 2012 għall-ħabta tat-8.28 a.m. fi Triq il-Kapuċċini, Floriana, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MRV 986, assigurata mal-mittenti Fogg Insurance Agencies Limited noe u misjuqa mill-mittenti Marvic Formosa, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JGY 080 di proprjetà tiegħek Travel Experience Limited, u assigurata minnek Middlesea Insurance plc, u dan peress illi l-istess inċident seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek Tony Cutajar.

Inoltre, Carmel Formosa ta' Perth, Triq L Casolani, Birkirkara (KI 13796M), bħala l-proprjetarju tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MRV 986 jinterpellakom Middlesea Insurnace plc (polza konkluża tramite Melita Unipol Insurance Agency Limited), u Tony Cutajar b'mod in solidum bejnietkom sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha minnhom sofferti bħala riżultat tal-istess inċident.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom u biex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Dina l-ittra uffiċjali qed issir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, senjatament iżda mhux limitatament għal dawk ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni ai termini tal-Kap. 12 u 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u interessi legali.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 4 ta' Lulju, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta), by means of a decree given on the 29th May, 2014 in the records of the judicial letter number 749/14, in the names Fogg Insurance Agencies Limited et vs Middlesea Insurance plc et, ordered the following publication for the purpose of effecting service of the respondent Tony Cutajar in terms of Article 187 (3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Middlesea Insurance plc (policy concluded with Melita Unipol Insurance Agency Limited), Travel Experience Limited, and Tony Cutajar, of Flat 1, Exelsior, Triq l-Imrabat, San Ġiljan, on the 25th March, 2014, Fogg Insurance Agencies Limited (C 597), as agents of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited, of La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, and Marvic Formosa (ID 264486M), of 48, Triq L Casolani, Birkirkara, whilst reference is made to your Middlesea Insurance plc and Travel Experience Limited, judicial letter dated 13th March, 2014 they strongly refute all the allegations therein contained as unfounded in fact and at law, and solicit you not to file any useless proceedings in their respect in connection with the car accident which occured on the 3rd June, 2012 at about 8.28 a.m. in Triq il-Kapuċċini, Floriana, between the vehicle registration number MRV 986, insured with the interpellant Fogg Insurance Agencies Limited noe and driven by the interpellant Marvic Formosa, and the vehicle with registration number JGY 080 property of Travel Experience Limited, and insured by you with Middlesea Insurance plc, and this because the same accident occured solely because of your carelessness, negligence, lack of skill and lack of observance of the traffic regulations on your part Tony Cutajar.

And also Carmel Formosa of Perth, Triq L Casolani, Birkirkara (KI 13796M), as the proprietor of the vehicle with registration number MRV 986 calls upon you Middlesea Insurance plc (policy concluded with Melita Unipol Insurance Agency Limited), and Tony Cutajar in solidum between you so that within three (3) days you come forward for the liquidation and payment of all damages suffered by them as a result of the same accident.

So much for your own guidance and to avoid costs and further procedures.

This judicial letter is being made for all purposes and effects of law, particularly, but not limitedly for the purpose of interrupting prescription in terms of Cap. 12 and 16 of the Laws of Malta.

With costs and legal interest.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 4th July, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1101

B'digriet mogħti fit-2 ta' Lulju, 2014 mill-Bord li Jirregola l-Kera, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Vincent Ciarlò et pro et noe vs Theresa Maria Ciarlò et, rikors numru 25/14GG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Karl Ciarlò u Theresa Maria Ciarlò a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet Vincent Ciarlò (KI 405726M), Maria Helena, sive Mariella Fabri (KI 309554M), u Peter Ciarlò f'ismu proprju, kif ukoll bħala mandatarju speċjali ta' oħtu l-assenti Kim Ciarlò (KI 145675M u KI 498077M) rispettivament vs Theresa Maria Ciarlò (KI 111362M), Karl Ciarlò, Marie Porto u Gillian Fortunato, fis-7 ta' Marzu, 2014 ir-rikorrenti talbu lil dan l-Onorabbli Bord:

Jiddikjara illi l-intimata Theresa Maria Ciarlò ma għandha l-ebda u jew tilfet kull dritt ta' inkwilinat jew pussess esklussiv fuq il-fond numru 65, St Francis Street, kantuniera ma' St Margaret Street, Sliema, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors fosthom ir-ripresa tal-pussess tal-fond imsemmi.

Bl-ispejjeż u salv kull azzjoni għad-danni spettanti lir-rikorrenti.

Intimati: Therese Marie Ciarlò, Savoy Gardens, C/17, Triq Luqa Briffa, Gżira.

Karl Ciarlò, 65, St Francis Street, Sliema.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Vincent Ciarlò pro et noe vs Theresa Maria Ciarlò et, rikors numru 25/14 GG, jinsab differit għas-smigħ għall-11 ta' Diċembru, 2014 fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Bord tal-Kera), illum 4 ta' Lulju, 2014.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 2nd July, 2014 by the Rent Regulation Board, in the records of the Sworn Application, in the names Vincent Ciarlò et pro et noe vs Theresa Maria Ciarlò et, application number 25/14 GG, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents Karl Ciarlò and Theresa Maria Ciarlò in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Rent Regulation Board, in the names Vincent Ciarlò (ID 405726M), Maria Helena, sive Mariella Fabri (ID 309554M), and Peter Ciarlò in his own name as well as special mandatary of his sister the absent Kim Ciarlo (ID 145675M and ID 498077M) respectively vs Theresa Maria Ciarlò (ID 111362M), Karl Ciarlò, Marie Porto and Gillian Fortunato, on the 7th March, 2014 the applicants asked this Honourable Board:

To declare that the respondent Theresa Maria Ciarlò has no right and lost every right to the lease or exclusive possession of the premises number 65, St Francis Street, corner with St Margaret Street, Sliema, and uphold the other demands in the application amongst which the taking back of the possession of the premises mentioned.

With costs saving any action for damages due to the applicants.

Respondents: Therese Marie Ciarlò, Savoy Gardens C/17, Triq Luqa Briffa, Gżira.

Karl Ciarlò, 65, St Francis Street, Sliema.

The Sworn Application in the names Vincent Ciarlò pro et noe vs Theresa Maria Ciarlò et, application number 25/14 GG, has been deferred for hearing to the 11th December, 2014 at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts (Rent Regulation Board), today 4th July, 2014.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1102

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, fit-22 ta' Jannar, 2014, Rikors numru 57/2014 minn Maria Grazia Hayman, Dionysia, sive Denise Hayman, bint Alfred u Maria Grazia née Grixti, imwielda fis-7 ta' Diċembru, 1969 fiż-Żurrieq, bil-karta tal-identità numru 72970(M), ġiet Interdetta permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' April, 2014.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 4 ta' Lulju, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 22nd January, 2014 Application number 57/2014 by Maria Grazia Hayman, Dionysia, sive Denise Hayman, daughter of Alfred and Maria Grazia née Grixti, born on the 7th December, 1969 in Żurrieq, holding identity card number 72970(M), was Interdicted by means of a decree given on the 16th April, 2014.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), today 4th July, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1103

B'digriet tal-24 ta' April, 2014 mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex isservi ta' notifika skont l-Artikolu 187 (5) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Prim'Awla, fit-23 ta' April, 2014 minn John Falzon numru 70/13 fl- ismijiet John Falzon et vs KML Manufacturing Limited (C 20523) et qed jintalab il-Bejgħ bl-Irkant ta':

Il-mezzanin bl-arja tiegħu, internament immarkata bin-numru 2D, formanti parti minn blokk bl-isem Garden Residence, fi Triq in-Nutar Zarb, Attard.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' KML Manufacturing Ltd (C 20523), KMK Limited (C 50774), u Mario Bezzina (KI 61651M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 4 ta' Lulju, 2014.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 24th April, 2014 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall, on the 23rd April, 2014 by John Falzon number 70/13 in the names John Falzon vs KML Manufacturing Limited (C 20523) is being asked that the Court orders the Sale by Auction of the:

The tenement with own airspace, internally marked with number 2D, forming part of block named 'Garden Residence', in Triq in-Nutar Zarb. Attard.

The said tenement is the property of KML Manufacturing Ltd (C 20523), KMK Limited (C 50774), and Mario Bezzina (ID 61651M).

Registry of the Superior Courts, this Friday, 4th July, 2014.

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1104

B'digriet tal-15 ta' Mejju, 2014 mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187 (5) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-14 ta' Mejju, 2014 minn Bella Claudia Nicoletta Cassar numru 8/14 fl-ismijiet Bella Claudia Nicoletta Cassar vs Angerton Enterprises Ltd (C 18187), qed jintalab il-Bejgħ bl-Irkant ta':

Il-fond magħruf bl-isem "The Wilderness", qabel magħruf bħala "Havana Club", fi Triq ta' Pinu, magħrufa wkoll bħala Triq l-Għarb, illum imsemmija Triq Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni, limiti tal-Għarb, Għawdex, imqassma fuq żewg sulari, soġġett għar-rata tiegħu ta' ċens u subċens annwu u perpetwu ta' disgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€90.85). Dan il-fond jinsab in parti sottopost għall-fond illum bl-isem "Il-Mina Restaurant".

Ir-restaurant bla numru, magħruf bl-isem "Il-Mina Restaurant", fi Triq ta' Pinu, magħrufa wkoll bħala Triq l-Għarb, illum imsemmija Triq Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni, limiti tal-Għarb, Għawdex, soġġett għar-rata tiegħu ta' ċens annwu u perpetwu ta' erbgħa u tletin Ewro u ħamsa

By a decree given on the 15th May, 2014 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall, on 14th May, 2014 by Bella Claudia Nicoletta Cassar number 8/14 in the names Bella Claudia Nicoletta Cassar vs Angerton Enterprises Ltd (C 18187), orders the Sale by Auction of the:

The tenement named "The Wilderness", before known as "Havana Club", in Triq ta' Pinu, also known as Triq l-Għarb, today named Triq Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni, limits of Għarb, Gozo, on two floors, subject to an annual and perpetual groundrent and subgroundrent of ninety Euro and eighty-five cents (€90.85). This tenement underlies property named "Il-Mina Restaurant".

The restaurant without number, named "Il-Mina Restaurant", in Triq ta' Pinu, also known as Triq l-Għarb, today named Triq Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni, limits of Għarb, Gozo, subject to an annual and perpetual groundrent of thirty-four Euro and ninety-five cents (€34.95). This

u disgħin ċenteżmu (€34.95). Dan il-fond huwa sovrappost għall- fond, illum fond magħruf bl-isem "The Wilderness".

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' Angerton Enterprises Limited (C 18187).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 4 ta' Lulju, 2014.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

tenement overlies the property named "The Wilderness".

The said tenements are the property of Angerton Enterprises Limited (C18187).

Registry of the Superior Courts, this Friday, 4th July, 2014.

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1105

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' April, 2014 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 81/14, fl-ismijiet Christopher Pace vs Keith Seychell, is-segwenti pubblikazzjoni ġiet ordnata biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Keith Seychell a tenur tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 10 ta' Jannar, 2014

Lil: Keith Seychell, ta' Club Moscow, Triq Santa Rita, Paceville, San Ġiljan, u Dorianne Seychell.

Permezz tal-preżenti, Christopher Pace (KI 543765M), ta' 329, Triq in-Nixxiegħa, Mellieħa, jagħmel referenza għall-kuntratt fl-atti tan-Nutar Andrè Farrugia, tal-1 ta' Awwissu, 2012 hawn esibit bħala dokument A, illi bih huwa kien ħallas lil HSBC plc is-somma ta' €314,914.08 għas-saldu tal-kreditu li kellu l-istess imsemmi Bank kontra Shana Developments Limited u kontra tagħkom bħala garanti solidali mas-soċjetà debitriċi, liema kreditu jirrisali minn żewg atti notarili ta' self u ta' overdraft ukoll fl-atti tan-Nutar Andrè Farrugia, tal-14 ta' Novembru, 2008 u tat-8 ta' Mejju, 2009 u dana b'surroga ta' drittijiet.

Intom, bħala garanti solidali issa interpellati sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum taslu għall-ħlas ta' nofs l-imsemmi dejn (billi l-mittenti wkoll kien garanti magħkom), bl-imgħax akkumulat.

Intom avżati illi skont il-liġi, din l-ittra għandha l-effetti li tirrendi l-kuntratt hawn esibit bħala titolu eżekuttiv, u li għalhekk ikunu jistgħu jittieħdu passi eżekuttivi kontra tagħkom mingħajr il-ħtieġa li ssir kawża.

Tant biex tagħrfu timxu.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Lulju, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 24th April, 2014 of the Civil Court First Hall, in the records of judicial letter number 81/14, in the names Christopher Pace vs Keith Seychell et, the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Keith Seychell was ordered in terms of Article 187 (3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 10th January, 2014

To: Keith Seychell, of Club Moscow, Triq Santa Rita, Paceville, San Ġiljan, and Dorianne Seychell.

By the present, Christopher Pace (ID 543765M), of 329, Triq in-Nixxiegħa, Mellieħa, refers to the contract in the acts of Notary Andrè Farrugia, dated 1st August, 2012 here attached and marked as Document A, by means of which he paid HSBC Bank Malta plc the sum of €314,914.08 in full and final settlement for the debt that the said Bank had against Shana Developments Limited and against you as sureties in solidum with the company, which debt arises out of two notarial deeds of loan and overdraft also in the records of Notary Andrè Farrugia, dated 14th November, 2008 and 8th May, 2009 and this as subrogated in your rights.

You as sureties in solidum are solicited so that within seven days from today you pay half the debt (because the applicant is also surety with you), with the accrued interest.

You are warned that according to law, this letter has the effect of rendering the contract here attached an executive title, and thus further executive procedings will be taken against you without the necessity of a law suit.

So much for your own guidance.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 4th July, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1106

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Ottubru, 2013 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2366/13, fl-ismijiet Trends Ltd vs Kevin Micallef, is-segwenti pubblikazzjoni ġiet ordnata biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 9 ta' Awwissu, 2013

Lil: Kevin Micallef (KI 380377M), ta' 49/3, Quayside Apartment, The Strand, Gżira.

Permezz tal-preżenti, Trends Ltd (C 29440), ta' KKW11, Qasam Industrijali, Kordin, Paola, inti qed tiġi interpellat sabiex fi żmien tlett ijiem min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tersaq għall-ħlas ta' €39,989.27 rappreżentanti valur ta' xogħol ta' injam u servizzi oħra relatati ordnati minnek fir-residenza tiegħek fil-Gżira.

Fin-nuqqas li tersaq għall-ħlas fit-terminu konċess lilek, il-mittenti se jipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi, inkluż il-ħruġ tal-opportun mandati mingħajr avviż ulterjuri.

Tant sabiex tagħraf tirregola l-pożizzjoni tiegħek u tevita spejjeż żejda.

Bl-ispejjeż ta' din l-ittra uffiċjali.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Lulju, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 29th October, 2013 of the Civil Court First Hall, in the records of judicial letter number 2366/13, in the names Trends Ltd vs Kevin Micallef, the following publication for the purpose of effecting service on the respondent was ordered in terms of Article 187 (3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 9th August, 2013

To: Kevin Micallef (ID 380377M), of 49/3, Quayside Apartment, The Strand, Gżira.

By the present, Trends Ltd (C 29440), of KKW11, Qasam Industrijali, Kordin, Paola, you are being solicited so that within three days from the date of notification of this judicial letter you pay the sum of €39,989.27 representing value of wood work and other related services ordered by you in your residence in Gżira.

In default, if you do not come forward in the time given to you, the interpellant will proceed against you according to law, including the issueing of the opportune warrants without further notice.

So much for your own guidance and to regulate yourself and to avoid useless costs.

With costs of this judicial letter.

Registry of the Superior Courts, today 4th July, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1107

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, fil-11 ta' Novembru, 2013, Rikors Numru 1070/2013 minn Jacqueline Harmsworth, Joan Zammit, bint William Donovan u Annie née Hunwick, imwielda fil-15 ta' Mejju, 1934 fl-Ingilterra, b'karta tal-identità numru 106201(L), ġiet Interdetta permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Marzu, 2014.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 4 ta' Lulju, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 11th November, 2013, Application number 1070/2013 by Jacqueline Harmsworth, Joan Zammit, daughter of William Donovan and Annie née Hunwick, born on the 15th May, 1934 in England, holding identity card number 106201(L), was Interdicted by means of a decree given on the 17th March, 2014.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), today 4th July, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1108

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ġunju, 2014 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1484/14, fl-ismijiet Andrew Cilia vs JAC Steel Limited et, is-segwenti pubblikazzjoni ġiet ordnata biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Adolf Baldacchino a tenur tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 14 ta' Mejju, 2014

Lil: JAC Steel Limited; Conrad Baldacchino; Adolf Baldacchino (KI 339973M), ta' Silvershadow, Triq il-Silq, Żabbar.

Permezz tal-preżenti, Andrew Cilia (KI 683853M), ta' 7, Mon Repos, Triq l-Inkwina, St Venera, u Carmelo Cilia (KI 668855M), ta' Casa Geronima, Triq G Muscat Azzopardi, Qormi, bħala sidien tal-vetturi ossija trakkijiet bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD 849 tal-marka Bedford, u bin-numru ta' reġistrazzjoni LAG103 tal-marka Morris, liema vetturi sfaw misruqa mill-impjant tagħhom u sussegwentement misjuba fil-pussess tagħkom, jinterpellawkom sabiex tersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-mittenti.

Fin-nuqqas li tottempraw ruħkom ma' dina l-intima, sejrin jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra tagħkom mingħajr pre-avviż ieħor.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax u b'riserva għal kull azzjoni spettanti lill-mittenti skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Lulju, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 12th June, 2014 of the Civil Court First Hall, in the records of judicial letter number 1484/14, in the names Andrew Cilia vs JAC Steel Limited et, the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Adolf Baldacchino was ordered in terms of Article 187 (3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 14th May, 2014

To: JAC Steel Limited; Conrad Baldacchino; Adolf Baldacchino (ID 339973M), of Silvershadow, Triq is-Silq, Żabbar.

By the present, Andrew Cilia (ID 683853M), of 7, Mon Repos, Triq l-Inkwina, St Venera, and Carmelo Cilia (ID 668855M), of Casa Geronima, Triq G Muscat Azzopardi, Qormi, as proprietors of the vehicles that is trucks with registration number BAD 849 of the type Bedford, and with registration number LAG 103 of type Morris, which vehicles were stolen from their plant yard and subsequently found in your possession, solicit you to come forward for the liquidation and payment of the damages suffered by the interpellants.

If you fail to abide with this letter, further procedures will be taken against you without further notice.

With costs and interest and reserving the right for any action by the interpellant according to law.

Registry of the Superior Courts, today 4th July, 2014.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1109

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-Artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-10 ta' Ġunju, 2014, u dan wara Rikors b'numru 78/14 ordnat:

Il-korrezzjoni fl-Att tal-mewt ta' Anna Xuereb, li jġib in-numru 762, tas-sena 2014 fis-sens li fil-kolonna intestata 'Jekk għażeb/xebba miżżewweġ/miżżewġa, armel/armla', il-kelma 'Widow' għandha tiġi mħassra u tiġi sostitwita bil-kelma 'Wife'. Fil-kolonna intestata 'Joqgħod/Toqgħod', jitħassru l-kliem 'St Venera', u minflokhom tidħol il-kelma 'Mosta'.

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, illum nhar it-Tlieta, 10 ta' Ġunju, 2014.

MARY JOSETTE MUSÙ
Għar-Reġistratur Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred on it by Article 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 10th day of June, 2014 and this after a written plea numbered 78/14 ordered:

The correction of the Act of Death of Anna Xuereb, bearing number 762, of the year 2014 under the column entitled 'Whether married or unmarried, widower or widow', the word 'Widow' is to be cancelled and substituted with the word 'Wife'. Under the column entitled 'Residence', the word 'St Venera' is to be cancelled, and substituted with the word 'Mosta'.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts, today Tuesday, 10th June, 2014.

MARY JOSETTE MUSÙ
For the Registrar Court of Revision of Notarial Acts

1110

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ġunju, 2014 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 825/14, fl-ismijiet Dr Thomas Abela vs John Grima, is-segwenti pubblikazzjoni ġiet ordnata sabiex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 17 ta' Marzu, 2014

Lil: John Grima (KI 144745M), ta' Flat 2, Mayfair Flats, Triq Birkirkara, San Ġiljan.

Permezz tal-preżenti, Dr Thomas Abela (KI 441948M), ta' 322, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta, qed jinterpellak sabiex tħallsu s-somma ta' €3,152 minnek dovuti bħala bilanċ ta' spejjeż u drittijiet, VAT inkluż, fil-kawża 'John Grima vs Joseph Borg', Ċitazzjoni numru 876/2004 JRM, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Novembru, 2008 stante li minkejja s-sejħa biex tħallas bqajt inadempjenti.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Lulju, 2014.

